# FIL-PRIM AWLA TAL-QORTI ĊIVILI
# SEDE KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLEF
## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum l-Erbgħa, 29 ta' Mejju, 2024.**

**Kawża Nru. 1**

**Rik. Nru. 64/2020 ISB**

**Stephen Spiteri**

**Vs**

**(1) Il-Ministru għall-Ġustizzja, l-Ugwaljanza u l-Governanza;**

**(2) Direttur (Qrati Kriminali u Tribunali Kriminali, Malta); u**

**(3) L-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**Rikors** ta' **Stephen Spiteri**, li permezz tiegħu, talab lil din il-Qorti sabiex:

1. *Tiddikjara li l-intimati jew min minnhom, wettqu ksur tad-drittijiet fundamentali ta' smigħ xieraq a bażi tal-Art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Art. 6 tal-Konvenzjoni dwar Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem (kif inkorporata fil-ligi tagħna a tenur tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta'Malta) u ksur tad-drittijiet fundamentali ta' privazzjoni mil-liberta personali tiegħu a bażi tal-Art. 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Art. 5 tal-Konvenzjoni dwar Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem (kif inkorporata fil-ligi tagħna a tenur tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta'Malta) liema ksur ta lok għad-detenzjoni illegali tal-esponenti fil-Faċilita Korrettiva ta' Kordin;*

2. *Tiffissa kumpens xieraq għal tali vjolazzjonijiet kif ukoll kumpens għal danni morali liema kumpens huwa dritt dirett hekk kif sanċit mill-Art. 5§5 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, bl-opera occorrendo ta' periti nominandi;*

3. *Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom iħallsu l-kumpens hekk likwidat lill-esponenti, oltre l-imgħax;*

U dan wara illi ppremetta:

*Illi din hija kawża għal rimedju fit-termini tad-dispożizzjonjiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem wara li l-esponenti ġie indebitament miżmum għal ħmistax-il jum fil-Faċilita Korrettiva ta' Kordin;*

*Illi l-fatti li taw lok ghal-proceduri odjerni huna kef gej:*

(i) *Illi permezz ta' sentenza tat-3 ta' Marzu 2014, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabet lill-esponenti ħati tal-akkużi dedotti kontra tieghu u cjoe talli b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-ligi u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, għax-xhur ta' Awissu 2012 sa Mejja 2013 meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'Kuntratt naqas li jagħti lil Sharon Spiteri u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulatat bil-kuntratt bħala manteniment għaliha u/jew għall-ulied fi zmien ħmistax-ilum minn dak il-jum li fih, skont dik l-ordni jew il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma, u kkundannatu għall-piena ta' sitt xhur priġunerija;*

(ii) *Illi l-esponenti interpona appell minn din is-sentenza, liema appell ġie appuntat għas-smigħ quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) għas-seduta ta'nhar il-31 ta' Jannar 2019;*

(iii) *Illi l-esponenti qatt ma ġie notifikat bl-avviż tas-smiegħ tal-appell (għad li mill-atti proċesswali tirriżulta riferta pożittiva) u kwindi kien impossibbli għall-esponenti li jkun jaf bis-seduta tal-31 ta' Jannar 2019. Konsegwenza t'ħekk, l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminal iddikjarat l-appell deżert u b'hekk is-sentenza mogħtija mill-qorti inferjuri ġiet in vigore;*

*(iv) Illi nhar l-20 ta' Frar 2020 l-epsonenti ġie arrestat minn ġewwa l-post fejn jabita f'Birkirkara u ttieħed fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin sabiex jibda jiskonta l-piena tiegħu;*

*(v) Illi għad li mfixkel b'din l-esperjenza li ċertament kexkxitu anke għaliex ma setax jifhem kif spiċċa jiskonta piena karċerarja, l-esponenti għamel kuntatt mal-avukat tiegħu u minn stħarriġ li sar* ***irriżulta li kienet saret riferta inveritiera da parti tal-marixxal tal-Qorti Joseph Schembri****. Fil-fatt irriżulta li l-appell tal-esponenti kien ġie dikjarat deżert fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2019. Kien minħabba f'hekk li l-esponenti spiċċa mfittex mill-Pulizija sakemm ġie kkalzrat u kellu jibda jiskonta l-piena. L-esponenti ġie miżmum fil-Faċilita Korrettiva ta' Kordin bejn l-20 ta' Frar 2019 u s-6 ta' Marzu 2019 kif jidher miċ-ċertifikat hawn anness u mmarkat bħala Dok. "A", liema detenzjoni kienet leżiva tad-drittijiet fundamentali tiegħu;*

*(vi) Illi r-riferta suriferita – li kopja tagħha tinsab annessa "Dok. B" – tattesta li l-esponenti ġie notifikat fit-28 ta' Novembru 2018 ġewwa l-appartament 6 f'Entratura A, Triq il-Għajn, il-Belt Valletta waqt li jingħad ukoll li l-avviż tas-smiegħ ingħata f'idejn l-esponenti personalment. Fil-verita` l-esponenti ilu żmien ma jabitax f'dan il-fond u għalhekk ma setax ikun li huwa ġie notifikat b'tali avviż personalment. Jigi dikjarat li l-esponenti jabita mal-partner tiegħu Yolanda Galea (K.I. 480273M) ġewwa l-fond 30 Flat 1 fi Triq it-Torri Wejter f'Birkirkara u ilu jgħix hemm sa' minn Diċembru 2016. Tant hu hekk, illi l-esponenti applika għal sistema ta' redirected mail ma' Maltapost plc sabiex kwalunkwe posta li jirċieva ġewwa l-fond tal-Belt Valletta tintbagħat fir-residenza tal-partner tiegħu ġewwa Birkirkara. Jiġi mtenni li fil-fatt l-esponenti ittieħed il-ħabs proprju minn ġewwa r-residenza ta' Birkirkara;*

*(vii) Illi rinfaċċjat b'tali sitwazzjoni, l-esponenti tramite l-Avukat David Camilleri intavola rikors nhar it-22 ta' Frar 2019 quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali fejn talab ir-revoka contrario imperio tad-digriet tal-31 ta' Jannar 2019 fejn l-istess Qorti iddikjarat l-appell tal-esponenti deżert stante li n-notifika ma kinitx valida, u dan kif jidher minn kopja tar-rikors hawn anness u mmarkat bħala Dok. "C". Flimkien mar-rikors ġew allegati diversi dokumenti in sostenn ta' tali talba;*

*(viii) Illi l-Onorrabbli Qorti tal-Appell Kriminali ordnat notifika lill-Avukat Ġenerali b'jumejn żmien għar-risposta;*

*(ix) Illi fil-fatt l-Avukat Ġenerali ippreżenta risposta nhar il-25 ta' Frar 2019 fejn irriserva li jirrispondi għar-rikors wara li jixhed bil-ġurament il-Marixall Joseph Schembri, il-partner tal-esponenti Yolanda Galea kif ukoll l-istess esponenti;*

*(x) Illi preżentata din ir-risposta, l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali appuntat tali rikors għas-smigħ għas-seduta tal 5 ta' Marzu 2019 – u ċjoe tmint' ijiem wara, u dan kif jidher mill-kopja tad-digriet annessa;*

*(xi) Illi tali seduta effettivament reġgħet ġiet posposta għal ġurnata oħra u ċjoe għall-għada s-6 ta' Marsu 2019 stante indisposizzjoni tal-Imħallef sedenti u dan kif jidher mill-kopja tad-digriet annessa;*

*(xii) Illi nhar is-6 ta' Marzu 2019, l-esponenti ttieħed quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali u f'dik is-seduata xehdu l-esponenti, il-partner tiegħu u l-Marixxal Joseph Schembri;*

*(xiii) Illi kif spiċċat dik is-seduta u qabel ma ngħata provediment fuq ir-rikors tal-esponenti, l-esponenti reġa' ttieħed ġewwa l-Faċilita Korrettiva ta' Kordin;*

*(xiv) Illi aktar tard matul il-jum l-esponenti sar jaf li kien ingħata digriet, u tħalla jitlaq mill-ħabs. Fid-digriet tagħha, li kopja tiegħu jinsab anness u mmarkat "Dok. D", l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali pprovdiet kif ġej:*

*Il-Qorti rat ir-riferta esebita fl-atti, fejn jirriżulta illi l-marixxal Joe Schembri kien innotifika lill-esponenti bir-riappuntament tas-smiegħ tal-appell għas-seduta tal 31 ta' Jannar 2019 billi kien ħalla notifika f'idejn 'personali' tal-esponenti nhar it-28 ta' Novembru 2018, **illi kif jirriżulta mix-xhieda tal-istess marixxal liema xhieda il-Qorti bl-ebda mod ma tiddubita, din ir-riferta ma tħallietx f'idejn l-esponenti iżda ġiet imħollija fil-letter box tal-indirizz mogħti fil-komparixxi fis-sena 2013 bħala Flat 6, Ent. A, Triq il-Għajn, Valletta.***

*Illi mill-provi jirriżulta li l-esponenti ilu ma jgħix f'dan l-indirizz sa minn Diċembru 2016 u in vista ta' dak mistqarr mill-istess marixxal, **il-Qorti tiddikjara li n-notifika tal-appuntament tal kawża ma kienitx waħda valida u konsegwentement qed tordna r-rilaxx immedjat tal-esponenti**[1] mill-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin u tirriappunta l-appell għas-16 ta' April 2019 għall- kontinwazzjoni, b'dan illi in vista ta' dak li ntqal mill-esponenti fl-awla, il-pagament li huwa kien lesti li jagħmel lil martu għandu jsir qabel id-differiment li jmiss sabiex b'hekk din l-istess kawża tista' titħalla għas-sentenza.*

*(xv) Illi sussegwentement, permezz ta' sentenza tas-25 ta' Settembru 2019, hawn annessa u mmarkata bħala Dok. "E", l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali ddisponiet mill-appell tal-esponenti mis-sentenza tat-3 ta' Marzu 2014. Permezz ta' din is-sentenza, il-Qorti tal-Appelli Kriminal pprovdiet kif ġie:*

*Għal dawn il-motivi, din l-Qori taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-ewwel talba tal-appellant għat-tħassir, revoka u kanċellament tad-digriet tat-tlieta (3)*

*ta' Marzu tas-sent elfejn u erbatax (2014) fejn l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talba għas-soprasessjoni u tas-sentenza fl-ismijiet premessi u għallhekk qiegħda tiċħad it-talba għas-soprassessjoni. Din il-Qorti qiegħda fir-rigward tat-tient talba kontenuta fir-rikors tal-appell u ċioe' dik enumerata 'ii', tilqa' limitatament l-appell u filwaqt li tikkonferma l-ħtija, tirrevoka fejn il-Qorti ordnat sitt (6) xhur priġunerija u minflok torda tlett (3) xhur priġunerija li permezz tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 dan il-perjodu qiegħed jigi sospiż għal erba' (4) snin. Inotre`, din il-Qorti bl-applikazzjoni tal-artikolu 28H tordna li l-appettant iħallas lil Sharon Spiteri s-somma ta' ħames mitt ewro (€500) fi żmien sitt (6) xhur mil-lum bħala kumpens għad-danni sofferti.*

*Illi jsegwi għalhekk li ħtija ta' dan l-inċident l-esponenti ġie pprivat mil-liberta` tiegħu u spiċċa miżmum fil-Faċilta Korrettiva ta' Kordin bejn l-20 ta' Frar 2019 u s-6 ta' Marzu 2019 fil-waqt li ma ngħatax smiegħ xieraq skond il-liġi u dan bi ksur tal-Art. 5 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem;*

*Illi dan kollu ġara minħabba diversi nuqqasijiet, forthom:*

*(i) In-nuqqas lampanti ta' marixxal u ċjoe uffiċjal tal-Qorti;*
*(ii) In-nuqqas ta' garanziji fil-proċess penali;*
*(iii) Id-dewmien inutli u mhux ġustifikat tal-Onorabbli Qoru tal-Appell Kriminali sabiex tisma' r-rikors tal-esponenti bi speditezza;*
*(iv) Il-fatt li l-esponenti reġa' intbagħat il-ħabs wara s-smiegħ biex imbagħad ġie rilaxxjat;*

*Illi sinifikattiv li minkejja li l-esponenti spiċċa l-ħabs intortament, l-ordni għar-rilaxx tieghu ġie, wieħed jista' jgħid, kundizzjonat fis-sens li l-pagament mertu tal- proċeduri kriminali kontra l-esponenti kellu jsir qabel id-differiment li kien imiss sabiex bil-għan li l-appell ikun jista' jitħalla għas-sentenza. B'kull rispett, f'dak il-punt il-ġustizzja kellha ssir fuq il-fatt li l-esponenti spiċċa l-ħabs minħabba aġir illeċitu ta' marixxal u mhux fuq il-mertu tal-proċeduri, u fuq kollox kellu jsir bi speditezza liema bħalha;*

*Illi f'dan is-sens tajjeb issir riferenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem ("QEDB") fl-ismijiet "Kart Vs Turkey" nhar it-3 ta' Diċembru 2009, fejn il-Qorti spjegat fid dettall il- fatt li Qrati għandhom jiddeċiedu dwar proċeduri kriminali fi żmien raġjonevoli u l-akkużat m'għandux jitħalla f'wisq żmien ta' inċertezza:*

*68. While there is no right under Article 6 of the Convention to a particular outcome of criminal proceedings or, therefore, to a formal conviction or acquittal following the laying of criminal charges (see Withey v. The United Kingdom (dec.), no 59493/00, ECHR 2003-X), there is indisputably a right to have one's case heard by a court within a reasonable time one the judicial process has been set in motion.* ***That right is based on a need to ensure that accused persons do not have to remain too long in a state of uncertainty as to the outcome of the criminal accusations against them*** *(see Stögmüller v. Austria, 10 November 1969, § 9, Series A no. 9, and Wemhoff v Germany, 27 June 1968, § 18, Series A no. 7).*

*Illi d-detenzjoni illegali kellha diversi effetti negattivi fuq l-esponent, kemm personali kif ukoll psikoloġiċi, stante li huwa spiċċa l-ħabs b'mod effettiv għall-ewwel darba f'ħajtu mingħajr ma seta' jifhem x'ġara. Konsegwenza ta' tali arrest, l-esponenti tilef kull introjtu kemm dam priġunier u kellu problemi wara li ġie efettivament rilaxxjat abiex jerġa jirripristina ħajtu għal li kienet qabel ġie miżmum illegalment. Kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawża, tali detenzjoni illegali kellha effetti pekunarji u psikoloġiċi fuq l-eponenti li l-ebda kumpens mhu se jnessi;*

*Illi in vista tas-suespost, ntbagħtet ittra datata 7 ta' Ottubru 2019, hawsn annessa u mmarkatat bħala Dok. "F", mill-avukat sottofirmat f'isem l-esponenti fejn fiha ġiet spjegata s-sitwazzjoni suriferita lill-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja, lid-Direttur (Qrati Kriminali u Tribunali Kriminali, Malta) lill-Marixxal Joseph Schembri u lill-Avukat Ġenerali (illum l-Avukat tal-Istat0. Fl-istess ittra ġie spjegat illi l-esponenti sofra ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu u talab rimedju effettiv. Minkejja dan, sal-lum din l-ittra baqgħet mħux imwieġba mill-ebda parti li lilha kienet indirizzata – xhieda ta' kemm l-istat ma weriex interess fis-sitwazzjoni li spiċċa fiha l-esponenti;*

*Illi għalhekk l-esponenti sofra leżjoni tal-jeddijiet fundamentali tiegħu u senjament ksur tad-dispożizzjonijiet ta-Art. 34 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Art. 5 u Art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bnieden, stante illi l-esponenti sofra minn arrest arbitrarju u illegali kif ukoll peress li ma ngħatax smiegħ xieraq;*

*Illi in sostenn ta' dan issir rifereneza għas-sentenza mogħtija mill-QEDB tal 31 ta' Mejja 2016, fl-ismijiet "Gankin and others vs Russia" fejn fuq il-punt li l-esponenti naqas milli jidher għal smiegħ u b'konsegwenza tali appell ġie dikjarat deżert, qalet is-segwenti fuq jekk jikkonsistix fi ksur tal-jedd għal smiegħ xieraq:*

*A domestic court's failure to ascertain whether an absent party had received the summons in due time and, if he had not, whether the hearing should be adjourned, was in itself incompatible with the genuine respect for the principle of a fair hearing and could lead the Court to finding a violation of Article 6 § 1.*

*Illi jsegwi li fil-każ odjern, anke s-sempliċi fatt li l-appell tal-esponenti ġie ddikjarat deżert mingħajr ġie aċċertat jekk l-esponent kienx jew seta ikun konxju tad-data u l-ħin tas-smiegħ, l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali ċaħħdet lill-esponenti mid-dritt fundamentali tiegħu għal smiegħ xieraq skond l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;*

*Illi inoltre` l-jeddijiet tal-esponenti ġew leżi ai termini tal-Artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, meta ġie mċaħħad mil-liberta' personali tiegħu. F'każijiet simili, l-Istat m'għandux biss l-obligu li jaċċerta li t-tali drittijiet kif sanċiti taħt dan l-artikolu jiġi ssalvagwardjati, iżda għandu wkoll joffri rimedju **b'mod immedjat** lil dawk il-persuni li-ġew ipprivati mil-liberta'*

*tagħhom b'mod inġust, u dan speċjalment f'każi fejn l-awtoritajiet setgħu kienu jafu b'tali arrest, kif ġara fil-kaz odjern. F'dan ir-rigward, fis-sentenza bl-ismijiet "Storck vs Germany" deċiża mill-QEDB fis-16 ta' Gunju 2005 ingħad is-segwenti:*

*102. Having regard to this, the Court considers that Article 5 § 1, first sentence, of the Convention must equally be construed as laying down a positive obligation on the State to protect the liberty of its citizens. Any conclusion to the effect that this was not the vcase would not only be inconsistent with the Court's case-law, notably under Articles 2, 3 and 8 of the Convention, it would also leave a sizeable gap in the protection from arbitrary detention, which would be inconsistent with the importance of personal liberty in a democratic society.* ***The State is therefore obliged to take measures providing effective protection of vulnerable persons, including reasonable steps to prevent a deprivation of liberty of which the authorities have or ought to have knowledge*** *(see, mutatis mutandis, Z and Others v. The United Kingdom [GC], no. 29392/95, § 73, ECHR 2001-V, and Ilaşcu and Others v. Moldova and Russia [GC], no. 48787/99 §§ 332-52 and 464, ECHR 2001-VII).*

*Illi inoltre`, fis-sentenza bl-ismijiet ta' "Medova vs Russia" deciża mill-QEDB fil-15 ta' Jannar 2009, ingħad is-seqwenti fir-rigward tal-Art 5 § 1 tal-Konvenzjoni fejn awtoritajiet jew Qrati jonqsu li jwaqqfu arrest illegali immedjatament:*

*123. ... the first sentence of Article 5 § 1 of the Convention must be construed as laying down a positive obligation on the State to protect the liberty of its citizens. The Court considers that, in the circumstances of the present case, there are not reasons to consider the scope of the State's positive obligation under Article 5 of the Convention to protect Mr Medov from arbitrary deprivation of the liberty to be different from that under Article 2 of the Convention to protect his life.*

*124. … it considers that the authorities' failure to put an end to Mr Medov's arbitrary deprivation of liberty while they had every means of doing so constituted a breach of the State's positive obligation under Article 5 of the Convention.*

*Illi d-dritt għal-liberta` u s-siġurta` tal-persuna hekk kif sanċiti fl-Art. 5 tal-Konvenzjoni Ewropea huma essenzjali għat-tħaddim ta' soċjeta demokratika. Inoltre`, wieħed irid jara l-Art. 5 tal-Konvenzjoni fl-intier tiegħu ġjaladarba tali leżjoni titratta privazzjoni tal-liberta'. F'dan is-sens għalhekk, jiskatta wkoll l-Art. 5 § 5 tal-Konvenzjoni li jipprovdi espressament li "Everyone who has been the victim of arrest or detention in contravention of the provisions of this Article shall have an enforceable right to compensation";*

*Illi dwar tali dispożizzjoni specjali, fis-sentenza suriferita fl-ismijiet "Storck vs Germany" jingħad kif ġej f'każ li jinstab illi kien hemm ksur tal-Art. 5 tal-Konvenzjoni:*

*122.* ***The Court reiterates that Article 5 § 5 of the Convention creates a direct right to compensation,*** *provided that the national courts or the Convention institutions have found that an applicant has been deprived of his liberty contrary to Article 5 §§ 1-4 of the Convention.*

*Illi għaldaqstant joħroġ ċar illi ġjaladarba l-esponenti ġie miżmum b'mod illegali ġewwa l-Faċilita Korrettiva ta' Kordin u bi ksur tal-jedd tal-esponenti għal smiegħ xieraq, sitwazzjoni li ċertament tammonta għal-leżjoni tal-jeddijiet tal-esponenti, l-esponenti għandu dritt dirett għall-rimedju pekunarju mill-Qrati tagħna anke a tenur tal-Art. 5§5 tal-Konvenzjoni;*

*Illi minkejja t-tentattivi tal-esponenti, sal-lum ma ingħata ebda rimedju effettiv sabiex is-sitwazzjoni li għadda minnha l-esponenti tiġi rimedjata u għalhekk l-unika triq li għandu l-esponenti hija li jirrikorri quddiem din l-Onorabbli Qorti għall-protezzjoni tal-jeddijiet fundamentali tiegħu kif sanċiti bil-Kostituzzjoni ta' Malta u bil-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittjiet tal-Bniedem;*

Rat id-dokumenti annessi mar-rikors promotur (fol 9 sa fol 59).

Rat id-digriet tagħha, kif diversament preseduta, tat-12 ta' Marzu 2020 li permezz tiegħu il-kawża ġiet appuntata għas-7 ta' Mejju 2020 fid-9:00a.m.

Rat ir-**risposta** tal-intimati **Ministru għall-Ġustizzja, l-Ugwaljanza u l-Governanza** u **l-Avukat tal-Istat** intavolata fil-5 ta' Mejju 2023 (fol 67) li permezz tagħha eċċepew:

1. *Illi qabel xejn, m 'hemmx raġuni tajba għalfejn kellu jiġi mħarrek il-Ministru Għall-Ġustizzja, l-Ugwaljanza u l-Governanza. Għall-għanijiet tal-**artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** kien biżżejjed li jitħarrku: (i) id-Direttur Qrati u Tribunali Kriminali biex iwieġeb għall-għemil tal-uffiċjali ezekuttivi tal-Qorti skont l-**artikolu 520 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta** li jirreferik għall-**artikolu 57 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**; u (ii) l-Avukat tal-Istat biex iwieġeb għall-allegati nuqqasijiet tal-Qorti tal-Appell Kriminali u tal-Istat b'mod wiesgħa. Jixraq b'hekk, li l-Ministru mħarrek jinħeles mill-ħarsien ta' dan il-ġudizzju;*

2. *Illi sa fejn l-ewwel talba tar-rikorrenti tinsab mibnija fuq ksur tal-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u tal-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea**, din mhijiex mistħoqqa. Għalkemm huwa minnu li kif jirriżulta mid-dikriet mogħti mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-6 ta' M arzu 2009 (**Dok. D** mar-rikors kostituzzjonali), huwa ma ġiex notifikat regolarment bl-avviż tal-appuntament tal-appell kriminali tiegħu, madankollu huwa ma ġarrabx preġudizzju fl-appell tiegħu. Kemm hu hekk, huwa ngħata l-jedd li jikkontesta r-riferta maħruġa mill-uffiċjal eżekuttiv tal-Qorti u saħansitra rnexxilu wkoll illi jħassarha. Wara li dan l-episodju ġie solvut, l-appell tar-rikorrent nstema' u ġie deċiż b'sentenza tas-26 ta' Settembru 2019 (**Dok. E** mar-rikors kostituzzjonali). Għalhekk meta wieġed iqis il-proċess ġudizzjarju fis-sħiħ tiegħu, ma jirriżulta li r-rikorrent ġarrab ksur tal-jedd tiegħu għas-smigħ xieraq minħabba l-fatt waħdu li n-notifika tal-avviż tal-appuntament tal-appell kriminali ma saritx kif suppost;*

3. *Illi f'dan il-kuntest ir-rikorrent ma jgħidx sew li l-garanzIji proċesswali ma ġewx imħarsa. Il-ġrajja dwar in-notifika żbaljata ma żammitx l-appell kriminali tiegħu milli*

*jinstema'. Għalhekk ladarba l-appell kriminali ġie mismugħ huwa ma jistax jgħid li ġie mċaħħad minn smigħ xieraq;*

4. *Illi lanqas ma jista' jingħad li kien hemm xi dewmien min-naħa tal-Qorti tal-Appell Kriminali biex qatgħet ir-rikors tiegħu dwar in-nuqqas ta' siwi tan-notifika. Fil-fatt ir-rikors tiegħu tressaq fit-22 ta' Frar 2019 u d-dikriet tal-Qorti tal-Appell Kriminali ngħata fis-6 ta' Marzu 2019, wara li din semgħet il-provi u dak kollu li kellhom xi jgħidu l-avukati tal-partijiet.*

5. *Illi fl-aħħarnett, ir-rikorrent jgħid ħażin li l-Qorti tal-Appell Kriminali messha vverifikat is-siwi tan-notifika qabel ma ddikjarat l-appell tiegħu bħala deżert. Ir-riferta tal-uffiċjal eżekuttiv tal-Qorti kienet turi li n-notifika kienet saret u għalhekk kienet hemm il-preżunzjoni li kollox sar sewwa u dan fuq il-prinċipju li omnia rite et recte facta esse. Il-fatt li wara nstab li n-notifika saret b'mod ħażin, ma jfissirx li l-Qorti tal-Appell Kriminali mxiet ħażin. F'dak l-istadju ma kienx hemm raġuni tajba għaliex il-Qorti tal-Appell Kriminali ma kellhiex tafda dak li ddikjara l-uffiċjal eżekuttiv tagħha;*

6. *Illi minbarra dan, ta' min wieħed jiġbed l-attenzjoni li l-appell kriminali kien appuntat għall-31 ta' Jannar 2019 permezz ta' dikriet mogħti fit-23 ta' Novembru 2018 (**Dok. B** mar-rikors kostituzzjonali). Billi l-appell tressaq mir-rikorrent, huwa kien fl-obbligu u fid-dmir li jsegwi l-proċeduri kriminali mnedija minnu stess quddiem l-Qorti tal-Appell Kriminali. Ifisser li lil hemm mis-siwi tan-notifika, ir-rikorrent kellu żmien biżżejjed biex personalment jew permezz tal-avukat tiegħu jikkonsulta mar-reġistru kriminali biex isir jaf għal meta ġie appuntat l-appell tiegħu;*

   *Għalhekk meta wieħed iqis kollox ma jirriżulta li r-rikorrent ġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq kif imħares bl-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u l-**artikolu 6 tal-Konvenjoni Ewropea,***

7. *Illi sa fejn it-tieni talba tar-rikorrenti hija msejsa fuq l-**artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u l-**artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea**, din ukoll ma jmesshiex tintlaqa'. Dan għaliex ir-rikorrent inżamm il-ħabs għaliex huwa nstab ħati minn Qorti ta' ksur tal-**Kodiċi Kriminali**;*

8. *Illi jekk m'hemmx l-elementi ta' arrest arbitrajru meta żżomm persuna arrestata anke jekk wara jirriżulta li l-Pulizija ħadet żball fil-persuna li kellha tarresta (ara **Darryl Luke Borg vs. Malta** deċiża mill-Qorti Ewropea Għad-Drittijiet tal-Bniedem fil-5 ta' Settembru 2017) u lanqas ma hemm każ ta' arrest arbitrajru meta persuna li tkun miżmuma arresta tiġi dikjarat mhux ħatja tal-akkużi miġjuba kontriha (ara inter alia **Av. Josè A. Herrera nomine vs. Avukat Ġenerali et** maqtugħa mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' April 2011 u **Joseph Ellul Grech vs. Avukat Ġenerali et** maqtugħa mill-Qorti Kostituzzjonali fid-19 ta' April 2016, ara kemm huwa aktar legali li żżomm persuna arrestata minħabba li din tkun instabet ħatja bis-saħħa ta' sentenza mogħtija minn qorti. Ħtija li fuq kollox tkun ġiet ikkonfermata wkoll wara l-appell;*

9. *Illi kemm hu hekk, jekk ikun hemm sentenza ta' detenzjoni/priġunerija ġejja mill-Qorti, allura dik iċ-ċaħda tal-libertà tkun leġittimata skont l-**art8ikolu 5(1)(a) tal-Konvenzjoni Ewropea** u l-**artikolu 34 (1)(b) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** rispettivament;*

10. *Illi huwa minnu li s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ġiet mibdula mill-Qorti tal-Appell Kriminali fejn għandu x'jaqsam mal-piena imma b'daqshekk dan ma jfissirx li l-arrest tar-rikorrent kien wieħed arbitrarju. Meta l-Pulizija arrestaw lir-rikorrent, dan sar fuq is-saħħa ta' sentenza li sa dak il-ħin kienet meqjusa bħala waħda li saret ġudikat minħabba l-abbandun tal-appell u għalhekk fil-parametri tal-**artikolu 5(1)(a) tal-Konvenzjoni Ewropea** u l-**artikolu 34 (1)(b) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;***

11. *Illi l-fatt li aktar tard il-Qorti tal-Appell Kriminali ħassret id-dikriet tagħha dwar l-abbandun tal-appell u b'hekk is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ġiet li ma baqgħetx aktar eżegwibbli, ma jġibx b'daqshekk l-illegalità tad-detenzjoni tar-rikorrent, għaliex jerġa' jiġi mtenni li meta saret id-detenzjoni kien hemm sentenza ta' qorti li kienet tiswa u li kellha tiġi eżegwita;*

12. *Illi ladarba d-detenzjoni tar-rikorrent f'dan il-każ kienet waħda ġustifikabbli u permessibbli, ir-rikorrent m'għandu jedd għall-ebda kumpens skont l-**artikolu 5(5)** tal-**Konvenzjoni Ewropea.** Jiġi b'hekk li anke t-tieni u t-tielet talba tar-rikorrent ma jistgħux jintlaqgħu;*

13. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat ir-**risposta** tal-intimat Direttur, Qrati u Tribunali Kriminali intavolata fis-6 ta' Lulju 2020 (fol 71) li permezz tagħha eċċepixxa:

1. *Illi d-Direttur tal-Qrati u Tribunali Kriminali m'huwiex il-legittimu kontradittur u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra r-rikorrent;*

2. *Illi f'dan il-kaz ir-rikorrenti qieghed jilmenta li ma inghatax smigh xieraq minhabba li nzamm detenut fil-Facilità Korrettiva ta' Kordin bejn l-20 ta' Frar 2019 u s-6 ta' Marzu 2019 sakemm kien hemm decizjoni in segwitu ghar-rikors prezentat minnu sabiex jigi revokat contrario imperio digriet li ddikjara appell tar-rikorrenti dezert;*

3. *Illi jigi rilevat illi ghal dan l-allegat nuqqas, zgur li ma jistax iwiegeb jew jigi tenut responsabli l-esponenti.*

4. *Illi l-esponenti jaghmel riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **George Xuereb vs Registratur tal-Qrati et** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-8 ta' Novembru, 2004 fejn intqal:*

    > *'Hu ben saput li l-Gudikatura hija organu indipendenti mill-Ezekuttiv u ma taqa' taht l-ebda dipartiment governattiv, u hu f'dan is-sens mela li jekk id-dewmien lamentat mir-rikorrent huwa attribwibli ghall-operat tal-Qorti, allura ir-Registratur tal-Qorti, li hu biss inkarigat mill-amministrazzjoni tal-Qorti u mhux ukoll mill-operat tal-Gudikant, ma jistax hawn hekk ikun legittimu kontradittur'.*

5. *Illi l-esponent Direttur tal-Qrati u Tribunali Kriminali ma kellu ebda kontroll fuq il-proceduri partikolari u fil-fatt lanqas biss kien ordnat biex jirrispondi ghar-rikors tar-rikorrent;*

6. *Illi huwa risaput li l-Gudikatura hija organu indipendenti mill-Ezekuttiv u ma taqa' taht l-ebda dipartiment governattiv u ghalhekk anke minn dan il-lat it-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tal-esponenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt.*

7. *Illi f'dan il-kuntest l-esponenti jaghmel riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet* ***Mark Lombardo et vs Kunsill Lokali Fgura*** *deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Ottubru, 2005 fejn gie ritenut:*

   > *'Kwantu ghall-appellat Registratur, Qrati Civili u Tribunali ma jidhirx li jista' jkun hemm l-icken dubbju li dan ma hux il-legittimu kontradittur f'din il-kawza. Ir-Registratur ma jirraprezentax lill-Qrati li l-operat taghhom gie attakkat bir-rikors promotorju – anzi, bil-kontra, <u>huwa jiehu l-ordnijiet minghandhom skond il-ligi</u> – u hu ma hux f'posizzjoni li jaghti rimedju effettiv kieku stess din il-Qorti kellha ssib x'ticcensura fuq il-livell kostituzzjonali fl-operat ta' dawk il-Qrati'.*

8. *Illi r-rikorrenti jilmenta wkoll mid-digriet tal-Qorti tal-Appell tas-6 ta' Marzu tas-sena 2019 fejn gie ordnat jaghmel pagament lil martu qabel id-differiment li kien imiss sabiex jinstema' l-appell riappuntat u f'dan il-kuntest jigi rilevat li anke minn dan il-lat l-esponenti mhux il-legittimur kontradittur ghaliex m'ghandu ebda kotnroll fuq id-decizjonijiet tal-Qrati;*

9. *Illi in oltre ssir riferenza ghas-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) datata 12 ta' Marzu tasw-sena 2015 fl-ismijiet* ***Dr. Joseph Zammit Tabona et vs Direttur Generali Qrati et;***

10. *Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ossia risposti ulterjuri.*

Rat illi fl-udjenza tat-3 ta' Settembru 2020, wara li l-intimati ddikjaraw li m'għandhomx provi xi jressqu fir-rigward tal-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Ministru intimat u l-Avukat tal-Istat, semgħet it-trattazzjoni tal-istess dwar l-ewwel eċċezzjoni.

Rat illi fl-udjenza tat-28 ta' Jannar 2021, xehdu **Dr Andrew Cauchi għall-Ministru intimat u għall-Avukat tal-Istat, Katya Caruana direttur fil-Ministeru intimat u Dr John Bonello**, ilkoll prodotti mir-rikorrent. Rat ukoll id-dikjarazzjoni tad-difensur tar-rikorrenti li m'għandux aktar provi xi jressaq dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-Ministru intimat u l-Avukat tal-Istat, u l-ewwel eċċezzjoni tad-direttur intimat. Rat ukoll li l-partijiet trattaw l-istess eċċezzjonijiet.

Rat is-**sentenza parzjali** tagħha mogħtija fit-18 ta' Marzu 2021 (fol 240B) li permezz tagħha din il-Qorti kkonkludiet is-segwenti:

> *Tilqa' l-ewwel (1) eċċezzjoni tal-intimati Ministru għall-Ġustizzja, l-Ugwaljanza u l-Governanza u l-Avukat tal-Istat limitatament safejn din tirrigwarda biss lill-Ministru għall-Ġustizzja, l-Ugwaljanza u l-Governza. Tiddikjara li l-istess Ministru mhuwiex leġittimu kontradittur tal-rikorrent u għalhekk tillberaħ mill-osservanza tal-ġudizzju.*
>
> *Tiċħad l-ewwel (1) eċċezzjoni tal-intimat Direttur Qrati u Tribunali Kriminali.*

Rat illi fl-udjenza tat-8 ta' Ġunju 2021, id-difensur tal-intimat Avukat tal-Istat iddikjara li mhux neċessarju li jiġu eżebiti l-oriġinali tad-dokumenti esebiti mar-rikors promotur in kwantu illi qed jaċċettahom bħala kopja vera tal-oriġinali.

Rat ukoll illi fl-udjenza tat-8 ta' Ġunju 2021, fuq talba tar-rikorrenti, il-Qorti ordnat l-allegazzjoni tal-proċess kriminali fl-ismijiet **Pulizija vs Stephen Spiteri** bir-referenza **Appell Nru 103/14.**

Rat illi fl-udjenza tat-30 ta' Settembru 2021 ir-rikorrent ippreżenta nota (fol 279) b'affidavit tiegħu stess (fol 280 sa fol 282).

Rat ukoll illi fl-udjenza tat-30 ta' Settembru 2021 xehdu **Franklyn Calleja Reġistratur tal-Qrati Kriminali, Carmen Scerri Lautier in rapprezentanza tal-Maltapost** u ppreżentat dokumenti (Dok CSL1, fol 288 sa fol 291) u **l-Marixxall Joseph Schembri**, ilkoll prodotti mir-rikorrent.

Rat illi fl-udjenza tal-24 ta' Novembru 2021 xehed **Franklyn Calleja** prodott mir-rikorrent.

Rat illi fl-udjenza tat-23 ta' Frar 2022 xehed **Franklyn Calleja** u ppreżenta dokument (Dok FC1, fol 310), prodott mir-rikorrent.

Rat illi fl-udjenza tas-26 ta' Settembru 2022 xehed **Helenio Galea in rappreżentanza tad-Direttur tal-Ħabs** li ppreżenta tliet dokumenti (Dok HG1 sa Dok HG3, fol 319 sa fol 321), prodott mir-rikorrent.

Rat in-nota ta' Helenio Galea in rappreżentanza tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, intavolata fil-11 ta' Ottubru 2022 (fol 324), li permezz tagħha ppreżenta faxxikolu ta' dokumenti (fol 325).

Rat illi fl-udjenza tal-21 ta' Novembru 2022 xehed **Helenio Galea** prodott mir-rikorrent. Rat ukoll id-dikjarazzjoni tad-difensur tar-rikorrent li m'għandux aktar provi x'jipproduċi.

Rat illi fl-udjenza tad-29 ta' Mejju 2023 xehed **Stephen Spiteri** in kontro-eżami. Rat ukoll id-dikjarazzjoni tad-difensuri tal-intimati li m'għandhomx aktar provi x'jipproduċu.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali tar-rikorrent u tal-Avukat tal-Istat.

Rat illi fl-udjenza tas-17 ta' Jannar 2023, wara li d-difensur tar-rikorrent tratta l-kawża, il-partijiet qablu li l-kawża setgħet titħalla għal-lum għad-deċiżjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi r-rikorrent jikkontendi li sofra leżjoni tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll ksur tad-drittijiet fundamentali ta' privazzjoni mil-libertà personali tiegħu a bażi tal-Art 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea stante d-detenzjoni llegali tiegħu fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin.

Min-naħa tagħhom, l-intimati jwieġbu li sa fejn it-talba tar-rikorrent tinsab mibnija fuq ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, din ma tregix stante li r-rikorrent finalment ma ġarrab ebda preġudizzju fl-appell tiegħu. Jikkontendu li lanqas m'għandha din il-Qorti ssib ksur tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea stante li ċ-ċaħda ta' libertà in kwistjoni hija leġittima stante li r-rikorrent inżamm il-ħabs għax huwa nstab ħati minn Qorti ta' ksur tal-Kodiċi Kriminali.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi mill-provi prodotti, jirriżultaw is-segwenti **fatti**:

Fl-affidavit tiegħu, **Stephen Spiteri** jispjega li fit-3 ta' Marzu 2014, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabitu ħati ta' akkużi miġjuba kontrih dwar ħlas ta' manteniment lill-ex-martu Sharon Spiteri fejn ġie kkundannat għall-piena ta' sitt (6) xhur priġunerija. Jispjega li hu appella mill-istess sentenza, liema Appell kellu jinstema' quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Jannar 2019, liema seduta ma kienx jaf biha stante li ma kienx ġie notifikat. Jgħid li f'dak iż-żmien kellu żewġ (2) każijiet għaddejjin rigward ħlas ta' manteniment iżda ma kinux mexjin flimkien u b'hekk kien jaf b'waħda iżda bl-oħra qatt ma ġie notifikat minħabba li l-marixxall kien ħalla l-avviż tas-smigħ fid-dar fejn kien jgħix qabel.

Jispjega li hu kien ilu madwar sitt (6) snin li ċċaqlaq mill-istess indirizz u kien informa lill-Maltapost sabiex issir *mail redirection* u fil-fatt il-post li kien jgħix fih qabel lanqas biss kien abitabbli.

Jgħid li fl-20 ta' Frar 2019 kienet ċemplitlu t-tifla tas-sieħba tiegħu u nfurmatu li ġew il-Pulizija għalih u mar malajr kemm seta' u sabhom barra jistennewh. Jispjega li dawn infurmawh li kellu jmur magħhom u nfurmawh li kellu kawża u ma marx u b'hekk l-Imħallef iddikjarat appell deżert u s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati ġiet fis-seħħ u kellu jmur sitt (6) xhur ħabs.

Jispjega li hu mar magħhom il-Faċilità Korrettiva ta' Kordin u fil-frattemp is-sieħba tiegħu marret titkellem mal-avukat sabiex jagħmlu rikors b'urġenza.

Isostni li minkejja l-gravità tas-sitwazzjoni kien hemm ħafna dewmien min-naħa tal-Qorti. Jispjega li l-Qorti tal-Appell Kriminali ordnat notifika lill-Avukat Ġenerali b'jumejn żmien għar-risposta u ppreżenta r-risposta fil-25 ta' Frar 2019 u mbagħad b'digriet tal-għada appuntat ir-rikors għas-smigħ għall-5 ta' Marzu 2019 u ċjoè kien ser jqatta' kważi ġimgħatejn il-ħabs jistenna. Jispjega illi fl-aħħar jumejn li kien il-ħabs bil-lejl ġew uffiċjali tal-*Ispecial Response Team* sabiex ifittxulu u jagħmlulu *spot checks* mingħajr ma taw raġuni għal dan.

Jispjega li s-seduta tal-5 ta' Marzu 2019 ġiet differita għall-għada peress li l-Imħallef sedenti kienet korriet. Jgħid li meta fil-Qorti xehed il-Marixxall Joseph Schembri dan stqarr li l-avviż tal-smigħ kien ħallieh fil-*letterbox* u mmarka r-riferta bħala pożittiva, mentri fil-fatt ir-rikorrent ma kienx notifikat. Jispjega li aktar tard dakinhar il-Qorti tat digriet ta' ħelsien u ġie rilaxxat mill-ħabs. Jikkontendi li sakemm il-Qorti ordnat il-ħelsien hu dam maqful ħmistax-il ġurnata fil-ħabs.

Jgħid li l-għada li ħareġ mill-ħabs kien mar ikellmu l-Marixxal Joseph Schembri fejn skuża ruħha u spjegalu li dak li kien ġara kien sforz il-pressjoni kbira ta' xogħol li kellu. Jispjega li minn dak li fehem la darba ssejjaħ l-appell u r-riferta kienet tgħid li r-rikorrent kien ingħata l-avviż tas-smigħ f'idu, il-każ kien ġie ddikjarat deżert.

Isostni li dak kollu li għadda minnu kellu effett enormi fuqu personali, fiżikament u anke psikoloġikament stante li kienet trawma kbira li sab ruħu l-ħabs mingħajr ma kien jaf ir-raġuni. Jikkontendi li oltre minn hekk ħass li tilef l-opportunità li jiddefendi ruħu fil-proċeduri tal-appell fil-Qorti b'mod ġust u dan stante li hu kellu jħallas l-manteniment mertu tal-istess appell qabel instema' l-appell.

Jispjega li dan kellu effett fuq familtu wkoll stante li matul il-perjodu li kien maqful sofra danni pekunjarju billi ma setax jaħdem u tilef il-benefiċċji soċjali ta' xahrejn li jammontaw għal mija u tlettax-il ewro (€113) fix-xahar.

Jikkontendi li dan l-inċident kellu konsegwenzi gravi fuq ir-relazzjoni ma' bintu li kienet waħda mit-tlett itfal li kienet tgħix miegħu iżda minn dakinhar li ħaduh il-Pulizija hi telqet għand ommha u ma tridx taf bih u saħansitra llum għandha tarbija li lanqas biss qatt raha.

Jispjega li hu ma ngħatax smigħ xieraq minħabba diversi nuqqasijiet mis-sistema legali fosthom: (i) in-nuqqas lampanti tal-marixxalli u uffiċjali tal-Qorti (ii) in-nuqqas ta' garanzija li jtuk serħan il-moħħ fil-proċess penali; (iii) id-dewmien inutli u mhux ġustifikat tal-Qorti tal-Appell Kriminali sabiex tisma' r-rikors tiegħu u tagħti digriet (iv) il-fatt li reġa' ntbagħat il-ħabs wara s-smigħ biex imbagħad ġie rilaxxat.

Jgħid li meta tkellem mal-avukat tiegħu sabiex isib forma ta' rimedju dan kien spjegalu li kien hemm leżjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu u għalhekk mexxa b'din il-kawża. Jispjega li hu kien bagħat ittra lill-Ministru intimat u lill-Avukat tal-Istat u talab rimedju iżda din l-ittra qatt ma ġiet imwieġba u b'hekk kellha ssir din il-kawża.

In kontro-eżami jikkonferma l-indirizz fil-Belt Valletta li kien jirrisjedi fih fil-passat u l-indirizz illi llum jgħix fih. Jispjega li fis-sena 2014 u 2015 kien jgħix mas-sieħba tiegħu f'indirizz ieħor. Jgħid li l-fond tal-Belt Valletta huwa post tal-Gvern li jgħix fih bil-kera. Jispjega li kien jgħix fih m'ommu li ġiet nieqsa fl-2005. Mistoqsi jekk qattx informa lill-Qorti li hu kien bidel l-indirizz ta' fejn qed jgħix, jgħid li qatt m'għamel dan.

Mistoqsi dwar kienx ċempillu l-Marixxall jgħid li lilu qatt ma ċempillu ħadd. Ġie ssuġġerit lilu numru tal-mobajl li jinnega li qatt kien jappartjeni lilu.

Fix-xhieda tagħha, **Carmen Scerri Lautier in rappreżentanza tal-Maltapost** ippreżentat il-*mail redirection* magħmula mir-rikorrenti minn indirizz fil-Belt Valletta għal indirizz f'Birkirkara. Il-Qorti tosserva li tali applikazzjonijiet ikopru l-perjodu 6 ta' Ottubru 2006 sal-5 ta' Ottubru 2007, 27 ta' April 2017 sas-27 ta' April 2019 u 10 ta' Ottubru 2019 sad-9 ta' Ottubru 2020.

Fix-xhieda tiegħu, il-**Marixxall Joseph Schembri** jgħid li huwa Marixxall fil-Qorti Kriminali fl-Appell u ilu f'din il-kariga għall-aħħar tnax (12)-il sena. Jispjega li fir-rigward tan-notifika in kwistjoni hu kien ċempel lir-rikorrent u kien ikkonferma

miegħu l-indirizz u kien ikkonferma miegħu li seta' jħallihielu fil-*letterbox* u għalhekk pproċeda billi għamel dan fl-indirizz tal-Belt Valletta.

Mistoqsi x'titlob il-proċedura li ssir jgħid li jmur u jħabbat iżda minħabba li kien kellmu fuq it-telefon u ftiehem miegħu ma kienx għamel dan. Jgħid li dik kienet l-ewwel darba li kellem lir-rikorrent u dana wara li ġab in-numru tat-telefon tiegħu mingħand ħaddieħor. Jgħid li wara dakinhar qatt ma kellmu lir-rikorrent.

Mistoqsi dwar qattx irċieva ittra legali dwar dan il-każ, jgħid li kien irċieva ittra, kellem lid-direttur tiegħu fuqha iżda qatt ma weġibha. Jikkonferma li qatt ma ttieħdu proċeduri ulterjuri jew dixxipplinarji fil-konfront tiegħu dwar dan il-każ.

Fix-xhieda tiegħu, **Franklyn Calleja Reġistratur tal-Qrati Kriminali** ppreżenta l-atti tal-Appell **Il-Pulizija kontra Stephen Spiteri** bir-referenza numru 103/2014, li l-Qorti ħadet konjizzjoni tiegħu.

F'kontinwazzjoni tax-xhieda tiegħu ppreżenta kopja tal-verbal tas-6 ta' Marzu 2019, li l-Qorti ħadet konjizzjoni tiegħu. Jispjega li x-xhieda ta' dakinhar ma ġietx irrekordjata u lanqas traskritta u dana stante li dik hija il-prassi tad-Deputat Reġistratur tal-Qorti *de quo* f'tali proċeduri. Jikkonferma li d-digriet li ngħata dakinhar stess kien iffirmat minnu.

Fix-xhieda tiegħu **Helenio Galea in rappreżentanza tad-Direttur tal-Ħabs** ippreżenta il-Case Report tar-rikorrent, li l-Qorti ħadet konjizzjoni tiegħu. Minnu jirriżulta li, ghal finijiet ta' dawn il-proceduri, ir-rikorrent daħal il-ħabs fl-20 ta' Frar 2019 u rilaxxat fis-6 ta' Marzu 2019. Jirrizulta wkoll mid-dokumenti esebiti illi r-rikorrent kien ukoll miżmum fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin fuq arrest preventiv bejn is-16 ta' Frar 2012 u l-5 ta' Marzu 2012 waqt li kien qed iwieġeb għall-akkużi ta' vjolenza domestika u kif ukoll fil-15 ta' Novembru 2013 fuq nuqqas ta' ħlas ta' manteniment.

Ix-xhud esebixxa wkoll faxxiklu ta' dokumenti illi l-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi mis-**sottomissjonijiet** magħmula mill-partijiet, il-Qorti tislet is-segwenti:

Ir-**rikorrent** fis-sottomissjonijiet tiegħu, jissottometti li l-lanjanza tiegħu hija mibnija fuq żewġ binarji u ċjoè (i) li n-nuqqas da parti tal-marixxall li jsegwi l-proċedura appożita tan-notifika tal-appuntament li wassal biex l-appell tar-rikorrenti ġie ddikjarat deżert u r-rikorrent ntbagħat sitt (6) xhur ħabs, u (ii) li meta sar ir-rikors sabiex l-akkadut jinġieb a konjizzjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali kien hemm dilungar mill-istess Qorti li wassal għal ksur tad-drittijiet fundamentali tal-istess rikorrent.

Fir-rigward tan-notifika, huwa jsostni li ma hemmx dubju li n-notifika li saret kienet waħda invalida. B'referenza għad-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Vyacheslav Korchagin vs Russia** deċiża fit-28 ta' Novembru 2018 jgħid li f'każijiet fejn imputat

jiġi notifikat fi żmien qrib ħafna ta' seduta b'tali mod li ma jkollux l-opportunità jipprepara d-difiża tiegħu jitqies bħala ksur tad-drittijiet fundamentali. Isostni li f'dan il-każ il-fatti huma aktar gravi għax ir-rikorrent intbagħat il-ħabs abbażi ta' proċeduri li lanqas biss kien jaf bihom minħabba n-notifika invalida. Jispjega li dan l-ilment huwa bbażat fuq l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni.

B'referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Mario Borg vs L-Avukat Ġenerali** deċiża fis-17 ta' Ottubru 2018, isostni li l-Artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni huwa applikabli f'dawk il-każijiet fejn tkun diġà ngħata sentenza definittiva u sabiex tirnexxi l-istess azzjoni jrid jiġi ppruvat li ż-żamma tar-rikorrenti fil-ħabs hija riżultat ta' proċess null, li f'dan il-każ ġie ampjament pruvat. Jikkontendi li minkejja l-ordni ta' rilaxx il-ksur tad-drittijiet fundamentali ma ġew bl-ebda mod indirizzati.

Dwar id-dilungar da parti mill-Qorti jgħid li l-proċess sakemm finalment ġie rilaxxat dam total ta' ħmistax-il ġurnata li fil-fehma tiegħu jammonta għal ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu u dana stante partikolarment li d-dewmien bejn meta daħlet ir-risposta tal-Avukat Ġenerali u d-data tad-digriet. Jelenka numru ta' deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea fejn l-istess Qorti ddikjarat leżjoni tad-drittijiet kif sanċiti bl-artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni, fejn ksur tad-drittijiet instab fejn id-detenzjoni kienet tvarja bejn *several hours* u ħamest ijiem. Isostni li fil-każ odjern jidher ċar li r-rikorrent intavola r-rikors fi żmien jumejn mill-arrest u b'hekk id-dilungar ma kienx da parti tiegħu, iżda għaddew tlettax (13)-il jum sabiex kellu digriet, liema dewmien ma ġie ġustifikat bl-ebda mod. Jikkontendi li dan jikser mhux biss l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni iżda wkoll l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni dwar id-dritt ta' proċediment ġust.

Isostni li in vista tas-suespost, għandu jingħata kumpens ta' mhux anqas minn ħmistax-il elf Ewro (€15,000) u dana stante li r-rikorrent ħa kastig li ma kienx ħaqqu li minħabba fih sofra mhux biss telf pekunjarju iżda anke danni morali.

## Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi min-naħa tiegħu l-**Avukat tal-Istat** jgħid li għalkemm jaqbel mal-fatt li n-notifika ma saritx b'mod regolari, jelenka numru ta' raġunijiet li juru t-traskuraġni da parti tar-rikorrent innifsu u ċjoè l-fatt li kien hu li indika l-indirizz tal-Belt Valletta, li preċedentement kien ġie notifikat f'dan l-indirizz u beda jattendi għas-seduti u ċjoè kien diġà qed isegwi l-appell *de quo*. Isostni li mhux minnu li l-Marixxall ma kienx kellem lir-rikorrent u tant hu hekk li anke l-istess Qorti tal-Appell Kriminali kienet irrimarkat dwar dan. Jikkontendi li dan kollu seta' ġie evitat kieku r-rikorrent wera naqra aktar diliġenza fl-eżitu tal-appell li ressaq hu stess.

Jispjega li l-Appell tar-rikorrent waqa' deżert fil-31 ta' Jannar 2019 u hu ġie arrestat fl-20 ta' Frar 2019 u b'hekk meta l-Qorti tal-Appell rat ir-rikors tiegħu tat-22 ta' Frar 2019 l-istess Qorti injorat dak li tirrikjedi l-liġi f'dawn il-każijiet u ċjoè li r-rikors jiġi ntavolat fi żmien erbat ijiem minn meta waqa' deżert b'dikjarazzjoni maħlufa bi spjega dwar in-nuqqas t'attendenza tiegħu, u appuntat l-istess rikors xorta għas-smigħ minkejja t-trapass taż-żmien u l-fatt li ma kien hemm l-ebda dikjarazzjoni maħlufa.

Oltre minn hekk, isostni li mhux minnu li r-rikorrent kien estranju għall-proċeduri stante li kien ilhom ħames (5) snin għaddejjin u għalhekk ma ntbagħatx il-ħabs minħabba proċeduri li ma kienx jaf bihom iżda minħabba appell li ma segwiex.

Fir-rigward tal-arrest isostni li dak kien wieħed legali u għalhekk konformi mad-dettami tal-Artikolu 34(1)(b) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 5(1)(a) tal-Konvenzjoni Ewropea.

Dwar iż-żmien li nżamm il-ħabs jgħid li l-każijiet kwotati mir-rikorrent bl-ebda mod ma jirriflettu s-sitwazzjoni tal-każ odjern fejn persuna kienet misjuba ħatja u għamel kontestazzjoni dwar dan. Isostni li wieħed irid iqis li kien hemm il-bżonn taż-żmien għar-risposta tal-Avukat Ġenerali kif ukoll li jiġu notifikati x-xhieda rikjesti. Oltre minn hekk isostni li r-rikorrent ma talabx biex l-materja tiġi deċiża b'mod spedit jew sabiex ir-rikors jiġi rikjamat għal ġurnata qabel id-data. Barra minn hekk jgħid li ma jistax jingħad li l-perjodu ta' erbatax (14)-il ġurnata kien wieħed partikolarment twil u għalhekk huwa tal-fehma li m'hemm ebda ksur ta' jeddijiet fundamentali.

Fir-rigward tar-rimedji jibda biex jgħid li jekk ir-rikorrent ħass li sofra danni pekunjarji hu kellu jipproċedi f'kawża għad-danni u mhux b'dik kostituzzjonali. Oltre minn hekk, ma nġiebet ebda prova dwar danni pekunjarji. Fir-rigward tad-danni non-pekunjarji, ir-rikorrent ma ssostanzjax biżżejjed l-allegati ansejtà u frustrazzjoni kif ukoll l-allegazzjoni li bintu ma baqgħetx tkellmu. Jispjega li t-talba ta' ħmistax-il elf Ewro (€15,000) da parti tar-rikorrenti hija eċċessiva.

### Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi stabbiliti l-fatti u wara li l-Qorti semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet għalhekk, la darba l-eċċezzjonijiet preliminari diġà ġew deċiża permezz tas-sentenza parzjali ta' din il-Qorti kif diversament preseduta, tat-18 ta' Marzu 2021, il-Qorti ser tgħaddi biex tiddeċiedi dwar il-mertu.

Fl-ewwel talba tiegħu, ir-rikorrent talab lil din il-Qorti tiddikjara li l-intimati jew min minnhom wettqu ksur tad-drittijiet fundamentali ta' smigħ xieraq a bażi tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u ksur tad-drittijiet fundamentali ta' privazzjoni mil-libertà personali tiegħu a bażi tal-Artikolu 34 ta-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 5 tal-Kovenzjoni Ewropea.

L-**Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni** jgħid testwalment hekk:

> ***34***.*(1) Ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-libertà personalitiegħu ħlief kif jista' jkun awtorizzat b'liġi fil-każijiet li ġejjin,jiġifieri –*
> *(a) bħala konsegwenza tal-inkapaċità tiegħu li jwieġebgħal akkuża kriminali;*
> *(b) fl-esekuzzjoni tas-sentenza jew ordni ta' qorti, sewMalta sew band'oħra dwar reat kriminali li tiegħu ikunġie misjub ħati;*
> *(ċ) fl-esekuzzjoni tal-ordni ta' qorti li tikkundannah għaldisprezz lejn dik il-qorti jew lejn qorti jew tribunalieħor jew fl-esekuzzjoni tal-ordni tal-Kamra tad-Deputati li tikkundannah għal disprezz lejha stess jewlejn il-membri tagħha jew għal ksur ta' privileġġ;*
> *(d) fl-esekuzzjoni tal-ordni ta' qorti magħmul biex jiżguratwettiq ta' xi obbligu impost lilu b'liġi;*

*(e) sabiex jinġieb quddiem qorti fl-esekuzzjoni tal-ordnita' qorti jew quddiem il-Kamra tad-Deputati fl-esekuzzjoni tal-ordni ta' dik il-Kamra;*
*(f) fuq suspett raġonevoli li huwa jkun ikkommetta, jewikun sejjer jikkommetti, reat kriminali;*
*(g) fil-każ ta' persuna li ma tkunx għalqet l-età ta'tmintax-il sena, għall-iskop tal-edukazzjoni u ġidtagħha;*
*(h) sabiex jiġi evitat it-tixrid ta' marda infettiva jewkontaġġuża;*
*(i) fil-każ ta' persuna li tkun, jew tkun raġonevolmentsuspetta li tkun, ta' moħħ marid, mogħtija għan-narkotiċi jew xorb, jew vagabonda, għall-iskop tal-kura jew trattament tagħha jew protezzjoni tal-komunità; jew*
*(j) sabiex jiġi evitat id-dħul illeġittimu ta' dik il-persunaf'Malta, jew sabiex tiġi effettwata l-espulsjoni, l-estradizzjoni jew it-tneħħija leġittima oħra ta' dik il-persuna minn Malta jew it-teħid ta' proċeduri dwarhekk jew sabiex tiġi mrażżna dik il-persuna waqt litkun qed tiġi mgħoddija minn Malta fil-kors tal-estradizzjoni jew tneħħija tagħha bħala priġuniermisjub ħati minn pajjiż għal ieħor.*

*(2) Kull min ikun arrestat jew detenut għandu jiġi nformat, fil-ħin tal-arrest jew detenzjoni tiegħu, f'ilsien li huwa jifhem, bir-raġunijiet tal-arrest jew detenzjoni tiegħu:Iżda jekk interpretu jkun meħtieġ u ma jkunx disponibblimalajr jew jekk ikun xort'oħra imprattikabbli li jiġu mħarsa d-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu fil-ħin tal-arrest jewdetenzjoni tiegħu, dawn id-disposizzjonijiet għandhom jiġu mħarsakemm jista' jkun malajr.*

*(3) Kull min jiġi arrestat jew detenut –*
*(a) sabiex jinġieb quddiem qorti fl-esekuzzjoni tal-ordnita' qorti; jew*
*(b) fuq suspett raġonevoli li jkun ikkommetta, jew li jkunsejjer jikkommetti, reat kriminali,u li ma jiġix meħlus, għandu jinġieb quddiem qorti mhux aktartard minn tmienja u erbgħin siegħa wara; u jekk xi ħadd arrestatjew detenut f'xi każ bħal dak li huwa msemmi fil-paragrafu (b) ta'dan is-subartikolu ma jiġix iġġudikat fi żmien raġonevoli, f'dak il-każ, bla ħsara għal kull proċeduri oħra li jistgħu jinġiebu kontratiegħu, huwa għandu jiġi meħlus jew bla kondizzjoni jewb'kondizzjonijiet raġonevoli, magħduda b'mod partikolari dawk il-kondizzjonijiet li jkunu meħtieġa raġonevolment biex jiġi żgurat lihuwa jidher f'data aktar tard għall-kawża jew għall-proċeduripreliminari għall-kawża:Iżda l-Parlament jista' b'liġi jipprovdi l-estensjoni, soġġettagħal salvagwardji proċedurali adegwati u għall-awtorizzazzjoni ta'Maġistrat, tal-perjodu ta' tmienja u erbgħin (48) siegħa li fih il-persuna arrestata jew detenuta għandha titressaq quddiem qorti,b'perjodu ieħor li ma jaqbiżx it-tmienja u erbgħin (48) siegħa oħra jekkil-persuna arrestata jew detenuta tkun raġonevolment suspettata liwettqet reat li jista' jwassal għal piena massima ta' aktar minn tnax-il(12) sena priġunerija.*

*(4) Kull min ikun arrestat jew detenut illegalment minn xipersuna oħra jkollu dritt għal kumpens għal hekk minn dik il-persuna.*

*(5) Ebda ħaġa li hemm fi jew li tkun magħmula bl-awtorità ta'xi liġi ma għandha titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta'dan l-artikolu safejn il-liġi in kwistjoni tawtorizza t-teħid matul dak il-perijodu ta'*

*emerġenza pubblika skont ma hu msemmi fil-paragrafu(a) jew (ċ) tas-subartikolu (2) tal-artikolu 47 ta' din il-Kostituzzjoni ta' miżuri li jkunu raġonevolment ġustifikabblisabiex tiġi affrontata s-sitwazzjoni li teżisti matul dak il-perijoduta' emerġenza pubblika.*

*(6) Jekk xi ħadd li jkun detenut legalment bis-saħħa biss ta' liġi bħal dik imsemmija fis-subartikolu li jaħbat l-aħħar qabel dan hekkjitlob f'xi żmien matul il-perijodu ta' dik id-detenzjoni mhux qabelsitt xhur wara li jkun għamel l-aħħar talba bħal dik matul dak il-perijodu, il-każ tiegħu jiġi rivedut minn tribunal indipendenti uimparzjali mwaqqaf b'liġi u magħmul minn persuna jew persuni likull waħda minnhom ikollha jew kellha kariga ġudizzjarja jew tkunkwalifikata biex tiġi maħtura għal kariga bħal dik f'Malta.*

*(7) Wara xi reviżjoni minn tribunal skont is-subartikolu lijaħbat l-aħħar qabel dan tal-każ ta' xi persuna detenuta, it-tribunaljista' jagħmel rakkomandazzjonijiet dwar il-ħtieġa jew espedjenzatat-tkomplija tad-detenzjoni tagħha lill-awtorità li minnha -kienetġiet ordnata. iżda. kemm-il darba ma jkunx provdut xort,oħrab'liġi, dik l-awtorità ma tkunx obbligata taġixxi skont xi rakkomandazzjonijiet bħal dawk.*

L-**Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni**, jipprovdi s-segwenti:

***39***.*(1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi.*

L-**Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea** jipprovdi li:

*(1) Kulħadd għandu d-dritt għal-libertà u għas-sigurtà tal-persuna. Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mil-libertà tiegħu ħlief fil-każijietli ġejjin u skont il-proċedura preskritta bil-liġi:*
*(a) id-detenzjoni skont il-liġi ta' persuna wara li tinsabħatja minn qorti kompetenti;*
*(b) l-arrest jew id-detenzjoni skont il-liġi ta' persuna għalnuqqas ta' tħaris ta' ordni skont il-liġi ta' qorti jewsabiex jiġi żgurat it-twettiq ta' xi obbligu preskritt mil-liġi;*
*(ċ) l-arrest jew detenzjoni skont il-liġi ta' persunaeffettwata sabiex tiġi miġjuba quddiem l-awtoritàlegali kompetenti fuq suspett raġonevoli li tkunikommettiet reat jew meta jkun meqjus raġonevolmentmeħtieġ biex jiġi evitat li tikkommetti reat jew litaħrab wara li tkun għamlet reat;*
*(d) id-detenzjoni ta' minuri b'ordni skont il-liġi għall-iskop ta' sorveljanza edukattiva jew id-detenzjonitiegħu skont il-liġi sabiex jiġi miġjub quddiem l-awtorità legali kompetenti;*
*(e) id-detenzjoni skont il-liġi ta' persuni biex jiġi evitat it-tixrid ta' mard infettiv, ta' persuni mhux f'sensihom,addetti għall-alkohol jew għad-drogi jew vagabondi;*

*(f) l-arrest jew id-detenzjoni skont il-liġi ta' persuna biexjiġi evitat li tidħol mingħajr awtorità fil-pajjiż jew ta'persuna li kontra tagħha tkun qed issir kawża għaddeportazzjoni jew għall-estradizzjoni.*

*(2) Kull min ikun arrestat għandu jiġi nfurmat minnufih,f'lingwa li jifhem, dwar ir-raġunijiet tal-arrest tiegħu u dwar kullakkuża kontra tiegħu.*

*(3) Kull min ikun arrestat jew detenut skont id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (1) (ċ) ta' dan l-Artikolu għandu jinġieb minnufih quddiem imħallef jew funzjonarju ieħorawtorizzat b'liġi biex jeżerċita setgħa ġudizzjarja u jkollu dritt għalproċeduri fi żmien raġonevoli jew għal ħelsien waqt pendenza tal-proċeduri. Il-ħelsien jista' jkun taħt kundizzjoni ta' garanziji biexjidher għall-proċeduri.*

*(4) Kull min ikun ipprivat mil-libertà tiegħu b'arrest jewdetenzjoni jkollu dritt li jagħmel proċeduri biex il-legalità tad-detenzjoni tiegħu tiġi deċiża malajr minn qorti u l-libertà tiegħu tiġiordnata jekk id-detenzjoni ma tkunx skont il-liġi.*

*(5) Kull min ikun vittma ta' arrest jew detenzjoni bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu jkollu dritt esegwibbli għalkumpens.*

L-A**rtikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** jgħid testwalment hekk:

*(1) Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għalsmigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunalindipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandhatingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jista' jiġi esklużmill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f'soċjetàdemokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajjaprivata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożamentmeħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċitàtista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja.*

*(2) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjusli jkun innoċenti sakemm ma jiġix pruvat ħati skont il-liġi.*

*(3) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin:*

*(a) li jkun infurmat minnufih, b'lingwa li jifhem u bid-dettal, dwar in-natura u r-raġuni tal-akkuża kontratiegħu;*
*(b) li jkollu żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjonitad-difiża tiegħu;*
*(ċ) li jiddefendi ruħu persunalment jew permezz ta'assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk majkollux mezzi biżżejjed li jħallas l-assistenza legali,din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk;*
*(d) li jeżamina jew li jara li jiġu eżaminati xhieda kontratiegħu u li jottjeni l-attendenza u l-eżami ta' xhiedafavur tiegħu taħt l-istess kundizzjonijiet bħax-xhiedakontra tiegħu;*

*(e) li jkollu assistenza b'xejn ta' interpretu jekk ma jkunx jifhem jew jitkellem il-lingwa użata fil-qorti.*

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Ir-rikorrent jissottometti li l-lanjanza sofferta minnu seħħet b'żewġ modi, u ċjoè bin-nuqqas da parti tal-marrixxall fil-proċedura tan-notifika li wassal sabiex ir-rikorrent intbagħat il-ħabs wara illi l-Appell tiegħu minn sentenza karċerarja tal-prim istanza ġie ddikjarat deżert, u d-dewmien mill-Qorti Kriminali sabiex semgħet ir-rikors tiegħu u ddegredat il-ħelsien tal-istess. Il-Qorti sejra tanalizza dawn il-lanjanzi.

**In-nuqqas fil-proċedura tan-notifika**

Huwa paċifiku jinghad illi mill-provi prodotti jirrizulta illi seħħ nuqqas fil-proċedura tan-notifika li wassal sabiex l-Appell intavolat mir-rikorrent ġie ddikjarat deżert bil-konsegwenza li daħlet fis-seħħ is-sentenza ta' priġunerija mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fil-prim istanza.

L-intimat, madankollu, jinsisti li għalkemm hu minnu li kien hemm nuqqas da parti tal-marixxall fil-proċedura tan-notifika, ma jfissirx li l-ebda tort mhu attriwibbli lir-rikorrent għal dak li seħħ u dana stante t-traskuraġni tal-istess rikorrent.

Din il-Qorti ħasbet sewwa dwar dan, u fliet bir-reqqa l-proċess kollu sabiex tieħu stampa ċara u kompleta ta' dak li ġara, mill-bidu tal-proċess sa tmiemu.

Jirriżulta mill-atti relattivi illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat id-deċiżjoni tagħha fit-3 ta' Marzu 2014, u dakinhar stess, l-imputat appena kkundannat talab is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza, li ġiet milqugħa b'obbligazzjoni personali.

Jirriżulta illi fil-prim istanza, ir-rikorrenti kellu jidher quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-**28 ta' Ottubru 2013**, f'liema seduta, ir-rikorrent ma deherx meta msejjaħ tlett darbiet. Il-kawża għalhekk ġiet differita ghat-**13 ta' Jannar 2014**, meta ir-rikorrenti rega' kien msejjah u ma deherx, bil-konsegwenza illi l-kawża reġgħet ġiet differita, din id-darba, għat-**3 ta' Marzu 2014**, meta deher u ngħatat is-sentenza.

Fit-**13 ta' Marzu 2024**, ir-rikorrent ressaq ir-rikors tal-Appell tiegħu quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali ddegretat fl-**1 ta' Dicembru 2014** u appuntat l-appell għall-**25 ta' Marzu 2015**, ossia 'l fuq minn sena wara illi tressaq l-Appell. Ir-rikorrenti ma jidhirx illi lmenta minn dan id-dewmien!

Jirriżulta illi kien hemm xi differiment minħabba mpenn tal-Qorti f'ġurijiet, iżda jidher illi kull digriet u avviż tas-smigħ kien qed jiġi debitament notifikat lir-rikorrenti fl-indirizz Ent A, Fl 6, Triq l-Ghajn, Valletta, tant illi huwa kien preżenti għall-ewwel seduta effettiva miżmuma tal-**20 ta Mejju 2015**.

Jirriżulta illi f'din l-udjenza, l-Appell ġie differit għas-**7 ta' Ottubru 2015** bil-għan illi l-appellant iħallas il-manteniment li kien dovut lill-martu u huwa ta ruħu b'notifikat fl-Awla għas-seduta tas-7 ta' Ottubru 2015, f'liema seduta r-rikorrenti deher quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali u l-Qorti reġgħet tat żmien ulterjuri għall-ħlas tal-manteniment lill-martu u ordnat illi fis-seduta illi kien imiss, il-każ kien ser jiġi trattat biex imur għas-sentenza. L-Appell kien differit għat-**13 ta' Jannar 2016** u l-appellant kien notifikat fl-Awla.

Jirriżulta illi fit-13 ta' Jannar 2016, il-Qorti kienet mgħarrfa b'possibilità ta' transazzjoni u akkordat differiment għas-**27 April 2016**, liema Appell ma nstemax minħabba xogħol urġenti tal-Qorti u l-Appell tħalla għall-15 ta' Gunju 2016.

Fis-seduta tal-**15 ta' Gunju 2016**, il-Qorti ġiet mgħarrfa illi l-ammont dovut lill-*parte civile* kien qed jinqata' mis-salarju tal-appellant, u l-Qorti halliet l-Appell għal **14 ta' Dicembru 2016**, f'liema seduta l-appellant ma deherx peress illi d-difensur tiegħu għarraf lill-Qorti illi l-appellant kien indispost. Il-Qorti ġiet mgħarrfa **<u>illi l-ammont kollu kien għadu dovut</u>** u għalhekk l-appell kien differit għat-**13 ta' Jannar 2017** u l-Qorti ordnat in-notifika mill-ġdid lill-appellant.

Jirriżulta illi għalhekk l-appellant reġa' kien notifikat fl-indirizz tiegħu fil-Belt Valletta u fit-13 ta' Jannar 2017 huwa deher quddiem il-Qorti peress illi kien debitament notifikat. L-Appell ġie differit ghall-**20 ta' April 2017** u l-appellant kien notifikat in awla.

Jirriżulta illi peress illi l-Qorti kienet impenjata b'Ġuri, l-appell kien differit għas-**27 ta' Ġunju 2017** u l-Qorti ordnat in-notifika mill-ġdid lill-appellant. Peress illi kien hemm żewġ riferiti negattivi tal-appellant (ma fetah ħadd), l-Appell tiegħu ġie differit għan-notifika tiegħu għall-**10 ta' Novembru 2017** u kellu jerga' jiġi differit ghad-**9 ta' Marzu 2018** peress illi l-appellant baqa' mhux notifikat b'riferta oħra (ma fetaħ ħadd). Bl-istess riferti negattivi preċiż, anke s-seduta tad-9 ta' Marzu 2019 kellha terġa' tiġi differita, u dan sar għall-**1 ta' Ġunju 2018**, għal-liema seduta l-appellant kien issa preżenti.

L-Appell kien differit għas-**26 ta' Ottubru 2018** u dan peress illi fl-Awla kien hemm sħana kbira minħabba nuqqas ta' arja kundizzjonata, u l-appellant kien notifikat bid-differiment seduta stante, iżda ma deherx fis-seduta ta' Ottubru 2018 u dakinhar ġie ordnat Mandat ta' Arrest kontra tiegħu għas-seduta tat-**23 ta' Jannar 2019**.

Jirriżulta illi fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2019, l-appellant ma deherx minkejja illi kien <u>jidher mill-atti</u> illi huwa kien notifikat b'riferta pożittiva tat-28 ta' Novembru 2018 – appuntu r-riferta mertu tal-vertenza – u l-Appell mar deżert.

**Il-Qorti tat dan l-elenku għaliex trid illi wieħed jifhem u japprezza illi <u>dan</u> il-proċess tal-appell huwa tali li jnissel f'din il-Qorti sens kbir ta' dieqa u rabja aktar u aktar meta wieħed jifhem u japprezza li <u>fl-isfond ta' dan il-proċess kollu kien hemm persuna li kienet qegħda tistenna illi ssir ġustizzja, imma fuq kollox, tistenna illi tieħu dak li huwa tagħha bi dritt biex tgħix hi u trabbi lil uliedha</u>.**

**Il-Qorti tirrispetta għall-altezza d-drittijiet ta' min ikun akkużat iżda ma tista' qatt twarrab il-weġa' tal-parti leża, f'dan il-każ ta' persuna, omm, parte civile,**

**illi trid tgħaddi minn dan il-kalvarju sabiex hija titħallas minn żewġha dak li huwa tagħha bi dritt biex tgħix hi u tgħajjex lil uliedha. U l-Qorti qed tagħmel dawn ir-rimarki anke fil-kuntest tal-każ odjern peress illi s-sentenza finali tal-Qorti tal-Appell Kriminali kkonfermat il-ħtija tar-rikorrenti fil-konfront tal-akkuzi li huwa affaċja dwar nuqqas ta' ħlas ta' manteniment.**

**Dan qed jingħad peress illi din il-Qorti hija konxja illi din l-esperjenza qarsa u ta' għajb igħixuha u jgħaddu minnha mijiet jekk mhux eluf ta' ċittadini Maltin.**

Fl-isfond ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, anke fattwali, li jirriżultaw mill-proċess, il-Qorti trid tirrimarka ulterjorment:

**Fl-ewwel istanza**, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, l-hawnhekk rikorrenti kellu jidher quddiem l-Ewwel Qorti fit-**28 ta' Ottubru 2013** u f'dik is-seduta jirriżulta illi <u>ma deherx</u> u l-kawża ġiet differita għat-13 ta' Jannar 2014.

Fis-seduta tat-**13 ta' Jannar 2014**, l-akkużat (hawnhekk rikorrenti) <u>reġa' ma deherx</u> u nħareġ kontra tiegħu Mandat ta' Arrest filwaqt illi l-kawża tħalliet għat-3 ta' Marzu 2014.

Fis-seduta tat-**3 ta' Marzu 2014**, l-akkużat deher u ttenta, għar-raġunijiet tiegħu, itawwal il-proċess billi jinvoka illi l-Qorti kellha tissoprassjedi peress illi kien intavola kawża Kostituzzjonali (mhux din naturalment). Il-Qorti ċaħdet u għaddiet biex semgħet il-każ u ddeċidiet billi sabet ħtija u mponiet perjodu ta' 6 xhur priġunerija.

Il-Qorti tqis għalhekk, illi minkejja telf ta' żmien <u>imputabbli biss lir-rikorrent</u> peress illi naqas milli jidher għall-kawża għal darba, darbtejn quddiem l-Ewwel Qorti, il-każ ħa massimu ta' sitt xhur, żmien ċertament raġjonevoli imma fuq kollox li seta' kien akkorċjat għal anqas żmien kieku mhux għall-aġir tar-rikorrent.

Minn hawn ikompli r-rakkont dettaljat fuq mogħti fir-rigward tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell. U din il-Qorti trid tagħmel is-segwenti kostatazzjonijiet, hekk kif jirriżultaw mill-provi prodotti.

1. Bejn id-data tal-prezentata tal-Appell u d-data meta l-Appell mar deżert, għaddew ben 4 snin u 10 xhur (kważi ħames snin) u għaddew disa' xhur oħra magħhom sakemm ingħalaq il-proċess b'mod definittiv fl-istadju tal-Appell fis-26 ta' Settembru 2019.

2. Għaddiet sena u fuqhom biex nżammet l-ewwel seduta tal-Qorti tal-Appell Kriminali wara illi ġie ntavolat l-Appell, bl-ewwel seduta appuntata tkun fil-25 ta' Marzu 2015.

3. Kellhom isiru differimenti minħabba illi l-Qorti kienet impenjata fuq Ġurijiet, (seduta 25.03.2015, 27.04.2016 u 20.04.2017).

4. Sar differiment ieħor peress illi l-Awla kienet inadekwata biex tahdem fiha minħabba sħana eċċessiva, riżultat ta' arja kundizzjonata illi ma kinitx qed taħdem (1.06.2018).

5. Ingħataw numru ta' differiment jew sabiex isir il-ħlas jew peress illi saru dikjarazzjonijiet lill-Qorti fis-sens illi l-partijiet kienu qed jittentaw jittransiġu u/jew li kien qed isir il-ħlas tal-manteniment (20.05.2015, 7.10.2015, 13.01.2016, 15.06.2016, 14.12.2016, 13.01.2017) – biex imbagħad fis-seduta tal-14 ta' Dicembru 2016 ġie dikjarat "*Il-Qorti ġiet informata illi l-ammont f'dan l-appell huwa kollu dovut*".

   Dan verament jinkwieta lil din il-Qorti f'dan il-każ - kif jista' jkollok sitwazzjoni fejn isiru differimenti bħal dak tat-13.01.2016 "*minhabba possibilita' ta' transazzjoni*", mbaghad dak tal-15.06.2016 "*il-parte civile nformat lill-Qorti illi l-pagament dovut <u>qed jinqata'</u> mis-salarju tal-appellant"*, biex imbagħad, b'mod stramb u surreali ferm, fis-seduta tal-14 ta' Diċembru 2016 ġie dikjarat "*Il-Qorti ġiet informata illi l-ammont f'dan l-appell <u>huwa kollu dovut</u>*".

   Din il-Qorti titħasseb tassew dwar akkaduti bħal dawn u ma tistax ma tfakkarx, mhux lanqas lill-Avukati prattikanti quddiem l-istess Qrati, illi l-Avukat huwa wkoll uffiċjal tal-Qorti u li għandu dejjem jara u jassigura illi jagħmel dikjarazzjonijiet xierqa, preċiżi u veritjieri u jħares dejjem l-għan ewlieni tal-proċess ġudizzjarju illi huwa jkun jifforma parti minnu – dak li sseħħ il-ġustizzja.

6. Ġew ikkanċellati seduti peress illi l-appellant ma deherx u/jew ma kienx notifikat (27.06.2017, 11.11.2017, 9.03.2018, 26.10.2018).

Din il-Qorti tqis il-varji raġunijiet ta' dewmien fil-proċeduri *de quo*. Uħud mir-raġunijiet jitrattaw l-ammont enormi ta' xogħol illi l-Qrati tagħna huma mgħobbija bih, oħrajn jirrelataw għal nuqqasijiet amministrattivi filwaqt illi oħrajn huwa relatati mal-aġir tal-partijiet nfushom.

Fil-kuntest ta' dan kollu, u wara apprezzament tal-proċeduri fl-intier tagħhom, il-Qorti tħossha issa aktar komda illi teżamina l-kwistjoni tan-notifika u d-dewmien tal-Qorti fil-proċeduri, bħala ż-żewġ lanjanzi prinċipali identifikati li r-rikorrent qed jilmenta minnhom.

## Il-Proċedura tan-Notifika

Issa dwar il-proċedura tan-notifika *per se* u r-riferta tad-29 ta' Novembru 2018 tal-Marixxall Joseph Schembri li wasslet għal dawn il-proċeduri, din il-Qorti tqis illi din il-materja ġja ġiet trattata u deċiża mill-Qorti Kriminali u kkonfermat id-difett proċedurali f'dik ir-riferta u wasslet biex ħelset lir-rikorrent mill-priġunerija li kien qed jiskonta b'digriet tas-6 ta' Marzu 2019. Li din il-Qorti trid tistħarreġ issa huwa jekk f'dan ir-rigward, u ġja la darba ir-rikorrenti għamel żmien detenut konsegwenza ta' referta ħażina u żbaljata, din il-Qorti għandiex tqis li kien hemm leżjoni tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti, kif igħid hu stess fis-sottomissjonijiet tiegħu, *ai termini* tal-Artikoli 5 u 6 tal-Konvenzjoni.

Jibqa' għalhekk il-kwistjoni tad-deprivazzjoni tal-libertà li sofra r-rikorrent. F'dan ir-rigward il-Qorti tosserva d-deċiżjoni tagħha, diversament preseduta, fl-ismijiet **Mario Borg vs L-Avukat Ġenerali** deċiża fis-17 ta' Ottubru 2018 fejn il-Qorti kkonkludiet is-segwenti:

*Illi l-Qorti taqbel mar-rikorrent li l-artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni jiġbor fih garanzija proċedurali wkoll fejn persuna tkun instabet ħatja b'sentenza ta' qorti u tkun qiegħda sservi s-sentenza f'ħabs. Madankollu huwa mgħallem li "the habeas corpus guarantees extend to all cases of deprivation of liberty provided for in the first paragraph of Article 5. The content of the obligation is not necessarily the same in all circumstances and as regards every category of deprivation of liberty. Where a national court, after convicting a person of a criminal offence, imposes a fixed sentence of imprisonment for the purposes of punishment, the supervision required by Article 5(4) is incorporated in that court decision. This view is based on the assumption that in those cases the judicial review of the lawfulness of the detention, which is guarateed by Article 5(4), has already taken place."[1]. Għalkemm ir-rimedju li jagħti l-artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni jista' jintuża wkoll fejn, wara l-għoti ta' sentenza, tqum xi ċirkostanza jew fattur ġdid li jista' jolqot is-siwi jew il-legalità taż-żamma[2];*

*Illi l-jedd ta' ħelsien minn żamma arbitrarja huwa jedd fundamentali tal-bniedem li jgħodd għal kulħadd[3]. Huwa miżmum li biex arrest jitqies arbitrarju, irid ikun wieħed li jikser xi waħda minn dawk il-kwalitajiet li jagħmluh arrest legali. Biex arrest ikun wieħed legali, jeħtieġ li jkun wieħed li jaqa' taħt xi waħda mill-kategoriji speċifikati fil-Kostituzzjoni jew fil-Konvenzjoni, u li jkun ukoll skond "il-proċedura preskritta bil-liġi". F'dan ir-rigward, ingħad li dan ifisser li "the deprivation of liberty must be imposed in conformity with the substantive and procedural rules of the applicable national law[4] u li ma jkunx wieħed imwettaq b'mod arbitrarju[5]. Iċ-ċirkostanzi li jissemmew kemm fil-Kostituzzjoni u kif ukoll fil-Konvenzjoni huma l-eċċezzjonijiet waħdanin u tassattivi li taħthom persuna tista' tiċċaħħad mill-ħelsien tagħha[6] ;*

*Illi f'dan ir-rigward ingħad ukoll li "compliance with national law is not, however, sufficient: Article 5§1 requires in addition that any deprivation of liberty should be in keeping with the purpose of protecting the individual from arbitrariness. It is a fundamental principle that no detention which is arbitrary can be compatible with Article 5§1 and the notion of 'arbitrariness' in Article 5§1 extends beyond a lack of conformity with national law, so that a deprivation of liberty may be*

---

[1] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak op. cit. §9.7.2 f'paġ. 499; u K Reid A Practitioner's Guide to the European Convention onHuman Rights (3rd Edit., 2008) §IIB – 369 f'paġ. 532 31 Q.E.D.B. 2.10.2012 fil-kawża fl-ismijiet Abdulkhakov vs Russja (Applik. Nru. 14743/11) §208 32 Q.E.D.B. (GC) 12.9.2012 fil-kawża fl-ismijiet Nada vs Svizzera (Applik. Nru. 10593/08) § 224 Rik. Kost. 43/16JRM 14 17 ta' Ottubru, 2018
[2] Q.E.D.B. 2.10.2012 fil-kawża fl-ismijiet Abdulkhakov vs Russja (Applik. Nru. 14743/11) §208
[3] Q.E.D.B. (GC) 12.9.2012 fil-kawża fl-ismijiet Nada vs Svizzera (Applik. Nru. 10593/08) § 224
4 Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak op. cit., § 9.4.1 f'paġ. 463
5 Op. cit. pġ. § 9.4.7 f'pġ 481
6 Q.E.D.B. 1.7.1997 fil-kawża fl-ismijiet Giulia Manzoni vs Italja (Applik. Nru. 19218/91) § 25

> *lawful in terms of domestic law but still arbitrary and contrary to the Convention"*[7]
>
> *-Ommiss-*
>
> *Illi, għall-finijiet tal-istħarriġ li għandu jsir, irid jingħad li, minħabba li l-artikolu 5(1)(a) tal-Konvenzjoni jitkellem dwar "detenzjoni skond il-liġi" u mhux dwar "sejbien ta' ħtija skond il-liġi", l-istess artikolu ma jagħtix il-jedd lil qorti ta' indoli kostituzzjonali li tistħarreġ il-legalità tas-sejbien tal-ħtija jew imqar tas-sentenza jew it-tul taż-żmien ta' detenzjoni ordnat bis-saħħa tagħha38. Jidher li b'"legalità" għall-finijiet tal-artikolu 5(1), wieħed għandu jifhem in-nuqqas ta' arbitrarjetà fis-sens li ż-żamma f'ħabs trid tkun l-eżekuzzjoni ta' sentenza mogħtija minn qorti39 li tkun sabet persuna ħatja ta' akkuża mressqa fil-konfront tagħha u dment li l-qorti tkun waħda mogħtija s-setgħa li tisma' dik il-kawża. Ir-rabta bejn is-sejbiet tal-ħtija u ż-żamma tal-persuna hija essenzjali. Iżda iżjed minn hekk mhuwa mitlub xejn, għall-finijiet tal-eżenzjoni maħluqa bl-artikolu 34(1) tal-Kostituzzjoni u 5(1) tal-Konvenzjoni;*
>
> *Illi, fid-dawl taċ-ċirkostanzi li ssemmew qabel, il-Qorti ssib li r-rikorrent ma seħħlux juri li ż-żamma tiegħu fil-ħabs hija l-frott ta' proċess null jew ta' xi ksur fid-dieher tal-ġustizzja.*

Applikat dan l-insenjament għall-każ odjern, ma hemm ebda dubju li ż-żamma tar-rikorrent fil-ħabs kienet frott ta' proċess null u għalhekk iż-żamma tar-rikorrent fil-ħabs kienet waħda li **qatt ma kellha tkun**.

Issa l-Qorti tqis il-Guidance Notes on Article 5 of the European Convention on Human Rights 'Right to Liberty & Security' li jgħidu preċiżament hekk:

> *43. A period of detention is, in principle, "lawful" if it is based on a court order. Detention on the basis of an order later found to be unlawful by a superior court may still be valid under domestic law (Bozano v. France, § 55). Detention may remain in accordance with "a procedure prescribed by law" even though the domestic courts have admitted that there had been flaws in the detention proceedings but held the detention to be lawful nevertheless (Erkalo v. the Netherlands, §§ 55-56). Thus, even flaws in the detention order do not necessarily render the underlying period of detention unlawful within the meaning of Article 5 § 1 (Yefimenko v. Russia, §§ 102-08; Ječius v. Lithuania, § 68; Benham v. the United Kingdom, §§ 42-47).*
>
> *44. The Court distinguishes between acts of domestic courts which are within their jurisdiction and those which are in excess of jurisdiction (ibid., §§ 43 et seq.). Detention orders have been found to be ex facie invalid in cases where the interested party did not have proper notice of the hearing (Khudoyorov v. Russia, § 129), the domestic courts had failed to conduct the means inquiry required by the national legislation (Lloyd and Others*

---

[7] Q.E.D.B. 23.7.2013 fil-kawża fl-ismijiet Aden Ahmed vs Malta (Applik. Nru. 55352/12) § 141

> *v. the United Kingdom, §§ 108 and 116), or the lower courts had failed properly to consider alternatives to imprisonment (ibid., § 113). On the other hand, where there was no evidence that the national courts' conduct amounted to a "gross or obvious irregularity", the Court held that the detention was lawful (ibid., § 114).*

Fil-kaz in eżami, il-Qorti tqis illi l-aġir tal-Marixxall, li jagħmel dikjarazzjoni inveritiera lill-Qorti, hija fiha nnifisha "*gross*" u "*obvious irregularlity*" – u ebda telefonata mar-rikorrenti, jekk veru saret, ma kellha tiġġustifika l-aġir tal-Marixxall. L-aġir tal-Marixxall ċertament illi rrenda sitwazzjoni fejn ir-rikorrent ma jistax jingħad illi kellu "*proper notice of hearing*" u konsegwentement, din il-Qorti ma għandiex alternattiva għajr illi tikkonkludi illi r-rikorrent sofra leżjoni tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Fir-rimedju li ser tgħaddi biex tagħti, il-Qorti ser tieħu konjizzjoni tal-fatt illi proċedura żbaljata adoperata minn uffiċjal tal-Qorti wasslet għad-detenzjoni tar-rikorrenti, iżda ser tikkunsidra wkoll fatturi oħrajn, fosthom illi filwaqt illi l-Appell kien tar-rikorrenti u suppost illi kellu kull interess illi jsegwih, b'dana kollu l-istess rikorrenti naqas milli jgħarraf bil-bdil fl-indirizz tiegħu.

**Għalhekk, f'dan ir-rigward, din il-Qorti sejra tgħaddi biex tilqa' t-talba tar-rikorrent sa fejn din tirrigwarda li ż-żamma tiegħu fil-ħabs bejn l-20 ta' Frar 2019 u s-6 ta' Marzu 2019 kienet b'leżjoni tad-drittijiet tiegħu kif sanċiti bl-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea.**

**<u>Id-dewmien da parti tal-Qorti tal-Appell Kriminali</u>**

Ir-rikorrent isostni illi jumejn wara illi daħal l-Facilità Korrettiva ta' Kordin, u allura fit-22 ta' Frar 2019, huwa ntavola r-rikors biex jiġi revokat id-digriet tad-deżerzjoni tal-Appell tiegħu a bażi tar-riferta żbaljata u konsegwentement ġie rilaxxat mill-Faċilità Korrettiva ta' Kordin.

Mill-atti jirriżulta illi dak in-nhar stess, il-Qorti tal-Appell ordnat in-notifika tar-rikors lill-Avukat Ġenerali b'jumejn żmien għar-risposta, liema risposta daħlet fil-25 ta' Frar 2019. Kien l-għada, 26 ta' Frar 2019, li l-Qorti ddegretat u appuntat ir-rikors għas-smigħ għall-5 ta' Marzu 2019, liema seduta ma nżammitx minħabba illi l-Imħallef sedenti kienet indisposta, iżda ġiet differita għall-għada, 6 ta' Marzu 2019, meta nstemgħu x-xhieda u <u>dak in-nhar stess</u> ingħata d-digriet.

L-intimati jirrelevaw illi dan kien rikors għar-ri-appuntament ta' kawża u mhux wieħed *habeas corpus* fejn persuna kien qed jallega illi qed jinżamm arrestat illegalment. Jgħid illi huwa neċessarju illi tiġi notifikata l-parti l-oħra, li tiġi appuntata seduta u minn imkien ma jirriżulta illi r-rikorrent kien qed jitlob l-urġenza jew li din il-materja tiġi deċiża b'mod aktar spedit. Fiċ-ċirkostanzi jikkontendu illi 14-il jum mhux żmien twil esaġerat.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tosserva dak li qalet il-Qorti Ewropea fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Boddaert v Belgim** deċiża fit-22 ta' Settembru 1992, fejn il-Qorti qalet is-segwenti:

*36. The reasonableness of the length of proceedings is to be determined with reference to the criteria laid down in the Court's case-law and in the light of the circumstances of the case, which in this instance call for an overall assessment.*

*-Ommissis-*

*39. Article 6 (art. 6) commands that judicial proceedings be expeditious, but it also lays down the more general principle of the proper administration of justice. In the circumstances of the case, the conduct of the authorities was consistent with the fair balance which has to be struck between the various aspects of this fundamental requirement.*

Il-Qorti tibda' biex tqis illi magħduda l-ġranet meta daħal u meta ħareġ mill-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, ir-rikorrent dam 15-il jum detenut. Issa l-Qorti tqis illi jumejn utli minnhom huwa ma għamel xejn peress illi r-rikors tiegħu kien intavolat fit-22 ta' Frar 2019. Il-Qorti tqis ukoll illi d-deċiżjoni ingħatat fit-tmien ġurnata utli wara dan.

Din il-Qorti tqis ukoll illi l-Qorti Kriminali mill-ewwel ordnat in-notifika tar-rikors lill-Avukat Ġenerali, u hekk kien xieraq. Tat lill-istess Avukat Ġenerali jumejn żmien għar-risposta, li ċertament illi ma jistax jitqies perjodu twil. Issa fir-risposta tal-Avukat Ġenerali, kif jidher illi kien loġiku u ġust, intalab illi jixhed il-Marixxall u b'hekk kellha ssir in-notifika tiegħu u kellha ssir is-seduta tas-smigħ fil-5 ta' Marzu 2019, liema seduta ma saritx biss minħabba indispożizzjoni tal-Imħallef sedenti, li ddiferiet għall-għada, f'liema ġurnata nstemgħu x-xhieda, saret it-trattazzjoni u ngħatat id-deċiżjoni.

Din il-Qorti tqis illi huwa raġonevoli l-perjodu taż-żmien sħiħ kif fuq deskritt, u dan għas-segwenti raġunijiet:

1. Kwalunkwe Qorti trid dejjem tagħti żmien raġonevoli għar-risposta tal-kontro-parti u ċertament li f'dan il-każ, jumejn kien żmien ġustifikat;

2. Kien hemm l-element ta' notifiki li kellhom isiru, u perjodu ta' sitt (6) ijiem huwa ġustifikat biex dan iseħħ;

3. L-Imħallef li kellha tisma' l-każ kellha minhabba indispozizzjoni, tiddifferixxi l-każ u għamlet dan b'jum wieħed biss - li ċertament li hu ġustifikat.

4. L-Imħallef sedenti semgħet il-provi, semgħet it-trattazzjoni u ddegretat dak in-nhar stess - ċertament mingħajr ħela ta' ħin.

Il-Qorti trid iżżid illi r-rikorrent, f'ebda stadju ta' dawn il-proċeduri fuq appena msemmija, ma ressaq xi lment dwar id-dewmien jew talab li s-seduta li kellha tinżamm tinġieb 'il quddiem jew xorta oħra talab xi rimedju aktar effikaci.

Il-Qorti tinnota li r-rikorrent għamel numru ta' allegazzjonijiet dwar x'fissru għalih dawn il-jiem li huwa qatta' l-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, iżda bl-ebda mod ma ġew sostanzjati u fi kwalunkwe każ, jekk ir-rikorrent irid isostni illi sofra danni, allura kellu għad-dispożizzjoni tiegħu rimedji ċivili li seta' utilizza,

**Għalhekk din il-Qorti ma ssibx li kien hemm ebda dilungar sabiex il-Qorti tal-Appell Kriminali semgħet u ddegredat ir-rikors tar-rikorrent bi ksur tad-drittijiet fondamentali tiegħu u b'hekk ser tgħaddi biex tiċħad l-ilment tar-rikorrent f'dan ir-rigward.**

## Ir-Rimedji

In vista tas-suespost, la darba din il-Qorti sabet ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti kif fuq imfisser, allura ser tgħaddi sabiex tiffissa rimedju ghal dan. F'dan ir-rigward, fit-tieni talba tiegħu, ir-rikorrent talab lil din il-Qorti tiffissa kumpens xieraq għal vjolazzjonijiet kif ukoll kumpens għal danni morali.

Il-Qorti tfakkar li l-Qorti fis-Sede Kostituzzjonali tagħha, mhix Qorti Ċivili u għalhekk mhux il-kompitu tagħha li tiffissa danni li setgħet illikwidat Qorti ċivili, u jingħad dan, mingħajr preġudizzju għal dak hawn fuq espress.

Isegwi għalhekk li l-Qorti ser tkun qed takkorda biss danni morali. F'dan ir-rigward, il-Qorti qieset diversi fatturi, fosthom, kif diġà ingħad, il-fatt li minkejja n-nuqqas da parti tal-Marixxall *de quo,* l-Appell kien diġà qed jistema' u b'hekk ir-rikorrent kien jaf li hemm is-seduti għaddejjin u **kellu kull interess li jsegwi l-appell tiegħu stess**.

Il-Qorti qieset ukoll il-perjodu taż-żmien li r-rikorrent fih inżamm il-ħabs, liema żmien kien jammonta b'kollox ghal 15-il jum, 12-il jum minn meta intavola r-rikors tiegħu għal meta ġie meħlus.

Għalhekk, wara li l-Qorti qieset il-fatturi kollha li ssemmew, ser tghaddi biex tillikwida s-somma ta' ħames mitt ewro (€500).

## Decide

**Għaldaqstant din il-Qorti qegħda taqta u tiddeċiedi din il-kawża billi -**

1. **Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti, fejn din tirrigwarda ż-żamma tiegħu fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin bejn l-20 ta' Frar 2019 u s-6 ta' Marzu 2019, u tqis illi dan kien b'leżjoni tad-drittijiet fondamentali tiegħu kif sanċiti bl-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea u tiċħadha fil-kumplament.**

2. **Tillikwida s-somma ta' ħames mitt ewro (€500) f'danni non-pekunjarji.**

3. **Tikkundanna lill-intimat Direttur (Qrati Kriminali u Tribunal Kriminali, Malta) iħallas lir-rikorrent is-somma hekk likwidata.**

**L-ispejjeż ta' din il-proċedura jkunu a karigu tal-intimat Direttur (Qrati Kriminali u Tribunal Kriminali, Malta).**

Din il-Qorti qegħda tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex jgħaddi kopja ta' din is-sentenza lil:

**Ministru Responsabbli għall-Ġustizzja** sabiex jieħu konjizzjoni ta' din is-sentenza u jara, fl-isfond ta' dak li hawn fuq jirrizulta, partikolarment id-dewmien fil-proċeduri għar-raġunijiet varji, hux lok illi, ma' miżuri pożittivi illi diġà huwa magħruf illi qed jittieħdu bħal konsultazzjoni pubblika li qed issir bil-għan ta' riformi, jittieħdu aktar miżuri speċifikatament fir-rigward ta' "in-notifiki" sabiex każijiet, minnhom infushom sensittivi, bħal nuqqas ta' ħlas ta' manteniment anke għat-tfal, jkunu aktar effikaċi u jiġi evitat dewmien inutili.

Liċ-**Chief Executive Officer** tal-Aġenzija għas-Servizzi tal-Qorti, sabiex tindaga u tara għaliex, minkejja illi jirriżulta f'dawn il-proċeduri nuqqas serju ħafna da parti ta' uffiċjal tal-Qorti, fil-vesti ta' Marixxall, li għamel dikjarazzjoni falza lill-Qorti u li wasslet għall-ksur ta' jedd fondamentali ta' individwu, ma ttieħdux passi sabiex min hu responsabbli jirrispondi u fuq kollox kulħadd jifhem illi akkaduti bħal dawn mhumiex aċċettabbli u jkun hemm direzzjoni ċara u inekwivoka lill-Marixxalli kollha sabiex japplikaw il-liġi kif inhi u ma jieħdu minn rajhom ebda deċiżjonijiet li tvarja l-proċedura stabbilita bil-liġi. Il-Qorti tħoss illi dan għandu jsir, hux tant b'kastig, imma biex kulħadd, u l-Qorti jinteressaha partikolarment mill-uffiċjali kollha tagħha, jaqdi dmiru sewwa u skont il-liġi.

Lill-**Ministru għal Politika Soċjali responsabbli wkoll mill-familja** u liċ-**Chairperson tal-Family Affairs Committee** u **Chairperson tas-Social Affairs Committee**, (it-tnejn Kumitati Parlamentari Maltin), sabiex wara li jevalwaw il-fatti li jirriżultaw minn dan il-każ, - partikolarment dak relattiv l-iskariġġ, it-trapass ta' żmien u t-tbatija illi tkun trid tgħaddi minnu persuna sabiex fl-aħħar, ħafna snin wara, titħallas dak lilha dovut bħala manteniment għaliha u għal uliedha, (li l-Qorti tghid illi dan huwa kaz tipiku li bhalu quddiem il-Qrati jkun hawn hafna) – għandhomx jistudjaw u jipproponu proċeduri aktar effikaċi u sistemi aktar effiċjenti sabiex persuna li tkun obbligata tħallas manteniment, tagħmel dan mingħajr ħafna qtigħ ta' qalb għall-persuna li lilha jkunu dovuti.

Il-Qorti qed tieħu din l-inizjattiva peress illi tħoss illi ċ-ċittadin ilu issa żmien twil wisq ibati minn ċirkostanzi inġusti bħal dawn, li bħalhom hija konxja illi hawn ħafna. Il-Qorti konxja illi minn żmien għal żmien l-amministrazzjoni tittenta ttejjeb is-sitwazzjoni, konxja wkoll li bħalissa għaddej proċess bil-għan ta' riforma fil-Qorti tal-Familja, imma ċertament illi fadal ħafna xi jsir u huwa meħtieġ illi jsir tibdil sabiex fl-ewwel lok ikun evitat illi persuni jsofru ksur tad-drittijiet fondamentali tagħhom, imma

wkoll sabiex persuni li jkollhom jedd għal manteniment ma jgħaddux minn kalvarju sabiex dawn jieħdu dak li huwa tagħhom, fuq kollox, sabiex ikunu osservati ordnijiet tal-Qorti relattiva għal dan il-għan.

**Ian Spiteri Bailey**
**Onor. Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**